II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż tal-Kummissjoni

## Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenża

(2021/C 58/01)

*Dan id-dokument huwa bbażat fuq it-test tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif maqbul politikament bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill f'Diċembru 2020 (2020/0104 (COD))* [1].

*Din il-gwida teknika hija maħsuba biex tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali fit-tħejjija tal-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti sabiex tinterpreta b'awtorità d-dritt tal-Unjoni.*

**Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jipprovdi li l-ebda miżura inkluża f' xi Pjan ta' Rkupru u ta' Reżiljenza (RRP) ma għandha twassal għal xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija** [2]· [3]. Skont ir-Regolament RRF, il-valutazzjoni tal-RRPs jenħtieġ li tiżgura li kull miżura (jiġifieri kull riforma u kull investiment) fil-pjan tkun tikkonforma mal-prinċipju ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (do no significant harm - DNSH) [4].

**Ir-Regolament RRF jiddikjara wkoll li l-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi gwida teknika dwar kif il-kriterji tad-DNSH għandhom japplikaw fil-kuntest tal-RRF** [5]**. Dan id-dokument jipprovdi din il-gwida teknika.** Din il-gwida hija limitata għall-istipular tal-modalitajiet tal-applikazzjoni tad-DNSH fil-kuntest tal-RRF biss, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, u hija bla ħsara għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Tassonomija u ta' atti leġiżlattivi oħra adottati fir-rigward ta' fondi oħra tal-UE. Din il-gwida għandha l-għan li tiċċara t-tifsira tad-DNSH u kif jenħtieġ li tiġi applikata fil-kuntest tal-RRF u kif l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li l-miżuri proposti tagħhom fl-RRP jikkonformaw mad-DNSH. Fl-Anness IV ta' din il-gwida hemm eżempji elaborati konkreti fuq kif tintwera d-DNSH fil-pjanijiet.

---

(1) https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14310-2020-INIT/en/pdf. In-numerazzjoni u l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' promulgazzjoni huma soġġetti għal modifiki matul ir-reviżjoni ġuridika li għaddejja.

(2) Ara l-Artikolu 4a ("*Prinċipji Orizzontali*") tar-Regolament RRF (li jistipula li l-RFF jista' biss isostni miżuri li jirrispettaw id-DNSH) u l-Artikoli 15 u 16 ("*Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza*" u "*Valutazzjoni tal-Kummissjoni*") (li jistipulaw ulterjorment li l-RRPs jenħtieġ li jispjegaw u jiġu evalwati fid-dawl ta' "*kif il-pjan jiggarantixxi li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti inkluża fil-pjan ma tagħmel xi dannu sinifikanti għall-objettivi ambjentali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 ('ma tagħmilx ħsara sinifikanti')*").

(3) Ir-"Regolament dwar it-Tassonomija" jirreferi għar-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, billi jistabbilixxi sistema ta' klassifikazzjoni (jew "tassonomija") għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli.

(4) Il-"*Gwida tal-valutazzjoni għall-Faċilità*" annessa mar-Regolament RRF tistabbilixxi għadd ta' linji gwida ta' valutazzjoni bħala bażi biex il-Kummissjoni tivvaluta l-proposti għal RRPs kif sottomessi mill-Istati Membri. Fihom, il-Kummissjoni hija mitluba tuża sistema ta' klassifikazzjoni, li tinfirex minn A sa C, għall-kriterji kollha tal-"*valutazzjoni tal-Kummissjoni*" elenkati fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament. Il-kriterju ta' valutazzjoni (d) jikkjarifika li għall-valutazzjoni tad-DNSH, il-Kummissjoni għandha biss żewġ għażliet ta' klassifikazzjoni, A jew C. "A" jekk l-ebda miżura f'RRP ma twassal għal xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali u "C" jekk xi miżura waħda jew aktar twassal/iwasslu għal xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali (skont it-tifsira tal-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija). Dak l-Anness jistipula li RRP ma tkunx tikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji ta' valutazzjoni malli jkun hemm okkorrenza waħda ta' "C". F'każ bħal dan, il-pjan ma jkunx jista' jiġi approvat mill-Kummissjoni.

(5) Dan id-dokument ta' gwida teknika jissupplimenta l-gwida inizjali diġà pprovduta mill-Kummissjoni fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021, u fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha u l-aġġornamenti tiegħu.

## 1. X'inhu l-prinċipju "Ma tagħmilx ħsara sinifikanti"?

**Għall-finijiet tar-Regolament RRF, id-DNSH għandha tiġi interpretata skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija.** Dan l-artikolu jiddefinixxi x'jikkostitwixxi "ħsara sinifikanti" fejn jidħlu s-sitt objettivi ambjentali koperti mir-Regolament dwar it-Tassonomija:

1. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima** jekk twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra (greenhouse gas - GHG);

2. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**adattament għat-tibdil fil-klima** jekk twassal għal żieda fl-impatt negattiv fuq il-klima attwali u l-klima futura mistennija, fuq l-attività nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi [6];

3. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar** jekk tkun ta' detriment għall-potenzjal ekoloġiku tajjeb ta' korpi tal-ilma, inkluż l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, jew għall-istatus ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar;

4. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**ekonomija ċirkolari** inkluż il-prevenzjoni tal-ħolqien tal-iskart u r-riċiklaġġ tiegħu jekk twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu tal-materjali jew fl-użu dirett jew indirett tar-riżorsi naturali, jew jekk iżżid b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni, l-inċinerazzjoni jew ir-rimi tal-iskart, jew jekk ir-rimi fit-tul tal-iskart ikun jista' jikkawża ħsara ambjentali sinifikanti u fit-tul;

5. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti għall-**prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis** jekk twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja, fl-ilma jew fl-art;

6. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti għall-**protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi** jekk tkun ta' detriment sinifikanti għall-kundizzjoni tajba u r-reżiljenza tal-ekosistemi jew tkun ta' detriment għall-istatus ta' konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet, inklużi dawk ta' interess għall-Unjoni.

## 2. Kif għandha tiġi applikata d-DNSH fil-kuntest tal-RRF?

Din it-taqsima tipprovdi gwida dwar kwistjonijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-valutazzjoni tad-DNSH: il-fatt li l-miżuri kollha jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala parti mill-valutazzjoni tad-DNSH (it-Taqsima 2.1), għalkemm fil-każ ta' ċerti miżuri l-valutazzjoni tad-DNSH tista' tieħu forma simplifikata (it-Taqsima 2.2); ir-rilevanza tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u l-valutazzjonijiet tal-impatt (it-Taqsima 2.3); il-prinċipji ta' gwida fl-qalba tal-valutazzjoni (it-Taqsima 2.4); u l-applikabbiltà tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar tar-Regolament dwar it-Tassonomija (it-Taqsima 2.5).

### 2.1 *Il-miżuri kollha jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala parti mill-valutazzjoni tad-DNSH*

**Jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu valutazzjoni tad-DNSH għal kull miżura** [7] **tal-RRP tagħhom**. Skont ir-Regolament RRF, *l-ebda miżura* inkluża f'RRP ma għandha tinvolvi xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali, u l-Kummissjoni ma tistax tivvaluta b'mod pożittiv l-RRP jekk xi miżura waħda jew aktar ma jkunux jikkonformaw mad-DNSH. B'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri jeħtieġ li jipprovdu valutazzjoni tad-DNSH *individwali* għal kull miżura fi ħdan kull element tal-pjan [8]. Għalhekk, il-valutazzjoni tad-DNSH ma għandhiex titwettaq fil-livell tal-pjan jew ta' komponenti individwali tal-pjan, iżda fil-livell tal-miżura. Dan japplika ugwalment għal miżuri li huma kkunsidrati li jipprovdu kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-miżuri l-oħra kollha inklużi fl-RRPs [9].

---

[6] B'mod speċifiku dan ifisser li ħsara sinifikanti għall-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima tista' ssir jew billi (i) xi attivita ma tiġix adattata għall-impatti negattivi għat-tibdil fil-klima meta jkun hemm riskju li dik l-attività tħalli impatti bħal dawn (bħall-kostruzzjoni ta' bini f'żona suxxettibbli għall-għargħar), jew (ii) permezz ta' maladattament, meta titwettaq soluzzjoni ta' adattament li tipproteġi qasam wieħed ("*persuni, natura jew assi*"), filwaqt li żżid ir-riskji f'xi qasam ieħor (bħall-bini ta' diga fuq biċċa art fi pjanura fejn isehh għargħar li twassal biex il-ħsara tiġi trasferita lejn art li ma tkunx protetta).

[7] Skont l-Artikolu 14 ('*Eliġibbiltà*') tar-Regolament RRF, "*Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza eliġibbli għall-finanzjament taħt dan l-istrument tal-Faċilità għandhom jinkludu miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku.*"

[8] Il-konformità mad-DNSH tiġi valutata fil-livell ta' kull *miżura* fi ħdan il-kuntest tal-RRF, filwaqt li l-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija jirreferi għal *attivitajiet ekonomiċi*. Miżura skont l-RRF (i.e. xi investiment jew riforma) hija xi intervent li jkun jista' jikkostitwixxi xi attività ekonomika jew li jkun jista' jiskatta (tibdil fi) l-attivitajiet ekonomiċi. Għalhekk, għall-fini tal-RRF, *attivitajiet ekonomiċi*, kif imfisser fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija jiġu interpretati bħala *miżuri* f'din il-gwida.

[9] Bħala tali, il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet koperti mill-valutazzjoni tad-DNSH skont ir-Regolament RRF huwa differenti, u konsiderevolment usa' minn dak skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, li għandu l-għan li jidentifika attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. B'hekk hija tikklassifika u tistabbilixxi kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-objettivi ambjentali elenkati fl-Artikoli 10 sa 15 ta' dak ir-Regolament, u li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil dawk l-objettivi. Dan huwa għan differenti mir-Regolament RRF, li għandu l-għan li juri li firxa wiesgħa ta' miżuri ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti lill-ambjent.

**Jeħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw kemm ir-riformi kif ukoll l-investimenti.** Skont l-RRF, l-Istati Membri jeħtieġ li jressqu pakketti koerenti ta' miżuri, inklużi kemm riformi kif ukoll investimenti (skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament RRF). Il-valutazzjoni tad-DNSH jeħtieġ li titwettaq mhux biss fejn jidħlu investimenti, iżda wkoll riformi. Ir-riformi f'xi setturi, inklużi l-industrija, it-trasport u l-enerġija, filwaqt li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, jistgħu jkunu wkoll iġorru magħhom riskju li jikkaġunaw ħsara sinifikanti għal għadd ta' objettivi ambjentali, skont kif jitfasslu ([10]). Min-naħa l-oħra, ir-riformi f'setturi oħra (eż. l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-amministrazzjoni pubblika, u l-arti u l-kultura) x'aktarx li jkunu ta' riskju limitat li jikkaġunaw ħsara ambjentali (ara l-approċċ issimplifikat fit-Taqsimiet 2.2 u 3), indipendentement mill-kontribut potenzjali tagħhom għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, li tista' tkun xorta sinifikanti. Din il-gwida għandha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fit-twettiq tal-valutazzjoni tad-DNSH kemm fejn jidħlu l-investimenti kif ukoll fejn jidħlu riformi. Il-fatt li l-valutazzjoni tad-DNSH trid titwettaq għar-riformi m'għandux jinftiehem bħala deterrent għall-inklużjoni fl-RRPs ta' riformi importanti fl-oqsma tal-industrija, it-trasport u l-enerġija, peress li tali miżuri għandhom potenzjal kbir li jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u li jixprunaw l-irkupru.

2.2 *Fil-każ ta' ċerti miżuri, il-valutazzjoni tad-DNSH tista' tieħu forma simplifikata*

**Filwaqt li l-miżuri kollha jeħtieġu valutazzjoni tad-DNSH, jista' jittieħed approċċ simplifikat għal miżuri li ma għandhom l-ebda impatt prevedibbli, jew impatt insinifikanti, fuq is-sitt objettivi ambjentali kollha jew uħud minnhom.** Skont it-tfassil tagħhom, ċerti miżuri jista' jkollhom effett limitat fuq xi objettiv ambjentali wieħed jew aktar. F'dan il-każ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu ġustifikazzjoni qasira għal dawk l-objettivi ambjentali u jiffokaw il-valutazzjoni sostantiva tad-DNSH fuq l-objettivi ambjentali li jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti (ara t-Taqsima 3, Pass 1). Pereżempju, riforma tas-suq tax-xogħol maħsuba biex iżżid il-livell ġenerali ta' protezzjoni soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom ma jkollha l-ebda impatt prevedibbli, jew impatt insinifikanti, fuq kwalunkwe wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, u tkun tista' tintuża ġustifikazzjoni qasira għas-sitt objettivi kollha. B'mod simili, fil-każ ta' xi miżuri sempliċi dwar l-użu effiċjenti tal-enerġija, bħas-sostituzzjoni ta' twieqi eżistenti b'oħrajn ġodda ekoloġiċi, tkun tista' tintuża ġustifikazzjoni qasira fejn tidħol il-konformità mal-prinċipji tad-DNSH għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. B'kuntrast ma' dan, dan l-approċċ simplifikat x'aktarx ma jkunx applikabbli fil-każ ta' xi investimenti u riformi f'għadd ta' oqsma (eż. l-enerġija, it-trasport, il-ġestjoni tal-iskart, l-industrija) li jippreżentaw riskju ogħla li jaffettwaw wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali.

**Meta miżura tiġi ttrekkjata bħala li tappoġġja 100 % xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, din il-miżura titqies konformi mad-DNSH għal dak l-objettiv** ([11]). Xi miżuri huma ttrekkjati bħala li jappoġġaw it-tibdil fil-klima jew objettivi ambjentali oħra fil-kuntest tal-RRF, skont il- "Metodoloġija għat-trekkjar klimatiku" annessa mar-Regolament RRF. Meta miżura tiġi trekkjata b'koeffiċjent ta' 100 % li tappoġġa l-objettivi għat-tibdil fil-klima, id-DNSH titqies li ġiet osservata fejn jidħol l-objettiv rilevanti għat-tibdil fil-klima (jiġifieri, il-mitigazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima) ([12]). Meta miżura tiġi ttrekkjata b'koeffiċjent ta' 100 % li tappoġġa objettivi ambjentali oħra għajr dawk relatati mal-klima, jitqies li jkun hemm konformità mad-DNSH għall-objettiv ambjentali rilevanti (jiġifieri, ir-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, jew il-bijodiversità u l-ekosistemi). F'kull każ, l-Istati Membri se jkollhom jidentifikaw u jissostanzjaw liema mis-sitt objettivi ambjentali tar-Regolament dwar it-Tassonomija tkun qiegħda tappoġġa l-miżura. Madankollu, l-Istati Membri jkollhom juru li l-miżura ma tkunx tagħmel xi ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali li jifdal ([13]).

---

([10]) Pereżempju, riforma li tista' twassal għal żieda fil-finanzjament għall-fjuwils fossili permezz ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji tal-gvern, jew żieda fis-sussidji espliċiti jew impliċiti għall-fjuwils fossili, tista' titqies bħala li toħloq riskju li tiġi kkawżata ħsara sinifikanti lill-objettivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjoni tad-DNSH.

([11]) Sabiex jiġi rifless il-punt sa fejn miżura tkun tikkontribwixxi għall-miri klimatiċi globali stabbiliti fir-Regolament RRF u jiġu kkalkulati l-ishma globali tal-allokazzjoni totali tal-pjan relatata mal-klima, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw il-metodoloġija, l-oqsma ta' intervent u l-koeffiċjenti assoċjati għat-trekkjar tal-klima, skont il- "Metodoloġija għat-trekkjar tal-klima" annessa mar-Regolament RRF. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ivvalidat l-għażla tal-qasam ta' intervent u tal-koefiċċjenti proposti minn xi Stat Membru, il-miżura ma tkunx titqies bħala awtomatikament konformi mad-DNSH fil-każ tal-objettiv(i) rilevanti, u xorta tkun trid issir valutazzjoni tad-DNSH.

([12]) Pereżempju, skema ta' sostenn/tiġdid għas-sostituzzjoni ta' materjal fuq ir-roti skadut, b'materjal fuq ir-roti li ma jikkawża l-ebda emissjonijiet mill-egżost tista' tkun f'din il-kategorija.

([13]) L-approċċ imsemmi f'dan il-paragrafu mhux applikabbli fil-każ ta' miżuri ttrekkjati b'koefiċċjenti ta' 40%. Fil-każ ta' tali miżuri, l-Istati Membri jkollhom jipprovdu spjegazzjoni dwar għaliex il-miżura hija konformi mad-DNSH, fil-kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali mfissra fil-bqija ta' dan id-dokument ta' gwida (eż. l-Istati Membri jkollhom jikkonfermaw li ma jkunu involuti l-ebda fjuwils fossili jew li jkun hemm konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness III fil-każ tal-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima). Meta l-miżuri ttrekkjati b'koeffiċjenza ta' 40% ma jkollhom l-ebda impatt previdibbli, jew inkella impatt insinifikanti, fuq xi objettiv ambjentali speċifiku, jew meta jkunu "jikkontribwixxu b'mod sostanzjali" għal xi objettiv ambjentali speċifiku skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, l-Istati Membri xorta jkunu jistgħu japplikaw approċċ simplifikat għall-dak l-objettiv ambjentali (skont l-ewwel u t-tielet paragrafi tat-Taqsima 2.2)

**B'mod simili għal dan, meta miżura tkun "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali"** [14]**, skont ir-Regolament tat-Tassonomija, lejn xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, din il-miżura titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol dak l-objettiv** [15]. Pereżempju, Stat Membru li jippreżenta miżura li ssostni l-manifattura ta' tagħmir għall-effiċjenza enerġetika għall-bini (eż. sistemi tad-dawl li jkunu sensittivi għall-preżenza u għad-dawl ta' binhar) ma jkollux għalfejn iwettaq valutazzjoni tad-DNSH sostantiva għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, f'każ li l-Istat Membru jkun jista' juri li l-miżura proposta "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali" għal dak l-objettiv ambjentali, f'konformità mar-Regolament dwar it-Tassonomija. F'każ bħal dan, l-Istati Membri jkollhom juru biss in-nuqqas ta' ħsara sinifikanti għall-ħames objettivi ambjentali l-oħra.

2.3 *Ir-rilevanza tad-dritt tal-UE u l-valutazzjonijiet tal-impatt*

**Il-konformità mad-dritt ambjentali nazzjonali u tal-UE applikabbli hija obbligu separat, u ma teżentax mill-ħtieġa ta' valutazzjoni tad-DNSH.** Il-miżuri kollha proposti fl-RRPs iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, inkluża l-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE. Għalkemm il-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE tipprovdi indikazzjoni qawwija li l-miżura ma tkunx tikkawża ħsara ambjentali, hija ma timplikax awtomatikament li miżura tkun tikkonforma mad-DNSH, b'mod partikolari peress li xi wħud mill-objettivi koperti mill-Artikolu 17 għadhom mhumiex riflessi bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.

**Il-valutazzjonijiet tal-impatt relatati mad-dimensjoni ambjentali jew mal-verifika tas-sostenibbiltà ta' xi miżura jkunu jridu jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tad-DNSH.** Filwaqt li ma jimplikawx b'mod awtomatiku li ma tkunx se ssir xi ħsara sinifikanti, huma jikkostitwixxu indikazzjoni qawwija għan-nuqqas ta' ħsara sinifikanti fil-każ ta' għadd ta' objettivi ambjentali relevanti. Għalhekk, il-fatt li Stat Membru jkun wettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS) f'konformità mad-Direttiva 2001/42/KE [16], jew Verifika ta' Sostenibbiltà/tal-Klima, kif stabbilit fil-gwida mill-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà skont ir-Regolament InvestEU, fil-każ ta' xi miżura partikolari inkluża fir-RRP, ikun ta' appoġġ għall-argumenti mressqa mill-Istat Membru fil-kuntest tal-valutazzjoni tad-DNSH. Pereżempju, skont it-tfassila eżatta ta' xi miżura, it-twettiq ta' VIA u l-implimentazzjoni tal-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent jistgħu f'xi każijiet, u b'mod partikolari fir-rigward tal-investimenti fl-infrastruttura, ikunu biżżejjed biex Stat Membru juri konformità mad-DNSH għal uħud mill-objettivi ambjentali rilevanti (b'mod partikolari, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-baħar u tal-ilma [17], kif ukoll il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi [18]). Madankollu, dan ma jeżentax lill-Istat Membru milli jwettaq il-valutazzjoni tad-DNSH għal dik il-miżura peress li VIA, VAS jew verifika jistgħu ma jkunux ikopru l-aspetti kollha li huma meħtieġa bħala parti mill-valutazzjoni tad-DNSH [19]. Dan għaliex la l-obbligi legali li jinsabu fid-Direttivi dwar il-VIA u l-VAS, u lanqas l-approċċ stabbilit fil-linji gwida rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-verifika ma huma l-istess bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija [20].

---

(14) L-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament dwar it-Tassonomija jiddefinixxu xi tfisser "kontribut sostanzjali" għal kull wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, kif ukoll għal "attivitajiet ta' faċilitazzjoni". Sabiex jibbenefikaw mill-approċċ simplifikat deskritt f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jkunu jridu juru li l-miżura tkun "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali" għal xi wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali skont l-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament dwar it-Tassonomija (ara wkoll it-Taqsima 2.5).

(15) Din l-għażla hija partikolarment rilevanti fil-każ ta' attivitajiet li huma identifikati bħala li jagħmlu kontribut sostanzjali għal objettiv ambjentali skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, iżda li mhumiex trekkjati bħala li jsostnu 100 % l-objettivi klimatiċi jew ambjentali skont il- "Metodoloġija għat-trekkjar tal-klima" annessa mar-Regolament RRF. Fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, dawn l-attivitajiet jinkludu, pereżempju: vetturi light-duty speċifiċi b'emissjonijiet żero jew baxxi; bastimenti speċifiċi b'emissjonijiet żero jew baxxi għat-trasport fuq il-ilma; vetturi heavy-duty speċifiċi b'emissjonijiet żero jew baxxi; infrastruttura għat-trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku; netwerks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-idroġenu; attivitajiet speċifiċi ta' ġestjoni tal-iskart (eż. skart mhux perikoluż miġbur separatament li jkun segregat fis-sors u mhejji għall-użu mill-ġdid/riċiklaġġ); kif ukoll riċerka, żvilupp u innovazzjoni f'ekonomija ċirkolari rivoluzzjonarja.

(16) Valutazzjoni ambjentali hija proċedura li tiżgura li l-implikazzjonijiet ambjentali tal-pjani/programmi/proġetti jiġu kkunsidrati qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet. Il-valutazzjonijiet ambjentali jistgħu jitwettqu għal proġetti individwali, bħal xi diga, awtostrada, ajruport jew fabbrika, abbażi tad-Direttiva 2011/92/UE (magħrufa bħala "Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali" – id-Direttiva VIA) jew għal pjanijiet jew programmi pubbliċi abbażi tad-Direttiva 2001/42/KE (magħrufa bħala "Valutazzjoni Ambjentali Strateġika" – id-Direttiva VAS).

(17) Jekk il-VIA tkun tinkludi valutazzjoni tal-impatt fuq l-ilma skont id-Direttiva 2000/60/KE u r-riskji identifikati ikunu ġew indirizzati fit-tfassil tal-miżura.

(18) Bla ħsara għal valutazzjonijiet addizzjonali meħtieġa mid-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE jekk l-operazzjoni tkun tinsab fi jew qrib żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-netwerk Natura 2000 ta' żoni protetti, siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn).

(19) Għall-kuntrarju, il-valutazzjoni tad-DNSH ma teżentax mill-obbligu ta'VIA/VAS, verifika tal-impatt klimatiku, ambjentali jew tas-sostenibbiltà jekk dan ikun obbligatorju skont il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, bħal fil-każ ta' proġetti ffinanzjati permezz ta' InvestEU jew il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

(20) Pereżempju, hija meħtieġa VIA għall-kostruzzjoni ta' raffineriji taż-żejt mhux raffinat, impjanti tal-enerġija termali li jaħdmu bil-faħam, u proġetti li jinvolvu l-estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum jew gass naturali. Madankollu, dawn it-tipi ta' miżuri ma jkunux konformi mal-kriterji dwar id-DNSH għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija, li jiddikjaraw li ssir ħsara sinifikanti jekk attività "twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra". Bl-istess mod, filwaqt li huwa obbligatorju li għall-kostruzzjoni ta' ajruport ġdid issir VIA, abbażi tad-DNSH għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, x'aktarx li jkunu konformi biss il-miżuri relatati mal-infrastruttura ta' ajruporti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-investimenti f'binjiet tal-ajruport li jkunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija, titjib fuq il-post fil-konnessjonijiet tal-grilja rinnovabbli tal-infrastruttura u s-servizzi relatati tal-ajruport.

2.4 *Prinċipji ta' gwida għall-valutazzjoni tad-DNSH*

**Fil-kuntest tal-RRF, huma l-impatti *diretti* u *indiretti primarji* ta' miżura li huma rilevanti għall-valutazzjoni tad-DNSH** ([21]). L-impatti diretti jistgħu jirriflettu l-effetti tal-miżura fil-livell tal-proġett (eż. impjant tal-produzzjoni, żona protetta) jew fil-livell tas-sistema (eż. netwerk ferrovjarju, sistema tat-trasport pubbliku), u li jseħħu fiż-żmien tal-implimentazzjoni tal-miżura. L-impatti indiretti primarji jistgħu jirriflettu effetti li jseħħu barra minn dawk il-proġetti jew sistemi u jistgħu jimmaterjalizzaw wara l-implimentazzjoni tal-miżura jew lil hinn mill-iskeda ta' żmien tal-RRF iżda li jkunu raġonevolment prevedibbli u rilevanti. Eżempju ta' impatt *dirett* fil-qasam tat-trasport bit-triq ikun l-użu ta' materjali waqt il-kostruzzjoni tat-triq. Eżempju ta' impatt *indirett primarju* jkun l-emissjonijiet futuri mistennija ta' gassijiet b'effett ta' serra minħabba żieda kumplessiva fit-traffiku fil-fażi meta t-triq tkun qed tintuża.

**Il-valutazzjoni tad-DNSH trid tikkunsidra ċ-ċiklu tal-ħajja tal-attività li tirriżulta mill-miżura.** Abbażi tal-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija, "ħsara sinifikanti" fil-kuntest tal-RRF hija vvalutata billi jitqies iċ-ċiklu tal-ħajja. L-applikazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja minflok li ssir valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja hija biżżejjed għall-finijiet tal-valutazzjoni tad-DNSH fil-kuntest tal-RRF ([22]). L-ambitu tal-valutazzjoni jenħtieġ li jinkorpora l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-użu u tat-tmiem tal-ħajja – kull fejn tkun mistennija l-aktar ħsara. Pereżempju, fil-każ ta' xi miżura li ssostni x-xiri ta' vetturi, il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, it-tniġġis (eż. l-emissjonijiet fl-arja) iġġenerat waqt l-assemblaġġ, it-trasport u l-użu tal-vetturi, u l-immaniġġjar xieraq, bħala skart, tal-vetturi fi tmiem ħajjithom. B'mod partikolari, ġestjoni xierqa ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji u tal-elementi elettroniċi (eż. l-użu mill-ġdid tagħhom u/jew ir-riċiklaġġ ta' materja prima kritika fihom) jenħtieġ li tiżgura li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-objettiv ambjentali tal-ekonomija ċirkolari.

**Miżuri li jippromwovu elettrifikazzjoni akbar (eż. fl-industrija, it-trasport u l-bini) huma kkunsidrati kompatibbli mal-valutazzjoni tad-DNSH għall-objettiv ambjentali tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.** Biex tkun tista' ssir il-bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima, għandhom ikunu mħeġġa miżuri li jwasslu għal elettrifikazzjoni akbar ta' setturi ewlenin bħall-industrija, it-trasport u l-kostruzzjoni (eż. investiment fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku; il-bini ta' infrastruttura elettrika mal-ġenb tat-triq; il-ħżin tal-elettriku; batteriji għall-mobbiltà; pompi tas-sħana). Il-ġenerazzjoni tal-elettriku għadha mhijiex attività newtrali għall-klima madwar l-UE (l-intensità tas-$CO_2$ tat-taħlita tal-elettriku tvarja fost l-Istati Membri), u fil-prinċipju ż-żieda fil-konsum tal-elettriku b'intensità qawwija ta' karbonju tirrappreżenta effett primarju indirett ta' tali miżuri, tal-inqas fuq terminu qasir. Madankollu, l-użu ta' dawn it-teknoloġiji u infrastruttura huwa meħtieġ biex ikun hawn ekonomija newtrali għall-klima, flimkien ma' miżuri biex jinkisbu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet GHG għall-2030 u l-2050, u fl-UE diġà hemm fis-seħħ qafas ta' politika għad-dekarbonizzazzjoni tal-elettriku u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. F'dan il-kuntest, dawn l-investimenti jenħtieġ li jitqiesu bħala konformi mad-DNSH fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-RRF, dment li l-Istati Membri jiġġustifikaw li żieda fl-elettrifikazzjoni tkun akkumpanjata minn żieda fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-livell nazzjonali. Barra minn dan, l-Istati Membri jkollhom madankollu juru li dawn il-miżuri ma jagħmlux xi ħsara sinifikanti lill-ħames objettivi ambjentali l-oħra.

**Fil-każ ta' attivitajiet ekonomiċi fejn ikun hemm alternattiva b'impatt ambjentali baxx li tkun teknoloġikament u ekonomikament fattibbli, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali negattiv ta' kull miżura jenħtieġ li ssir quddiem xenarju ta' "l-ebda intervent" billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-effett ambjentali tal-miżura f'termini assoluti** ([23]). Dan l-approċċ jikkonsisti fil-kunsiderazzjoni tal-impatt ambjentali tal-miżura, meta mqabbel ma' sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda impatt ambjentali negattiv. L-impatt ta' miżura mhuwiex ivvalutat meta mqabbel mal-impatt ta' xi attività oħra eżistenti jew prevista li l-miżura inkwistjoni tista' tkun qed tissostitwixxi ([24]). Pereżempju, jekk jiġi vvalutat xi impjant idroelettriku li jkun jenħtieġ il-bini ta' diga f'żona mhux mittiefsa, l-impatt tad-diga jiġi vvalutat fl-isfond ta' kuntest fejn ix-xmara kkonċernata tibqa' fl-istat naturali tagħha, aktar milli jitqies użu alternattiv possibbli differenti taż-żona. B'mod

([21]) Dan l-approċċ isegwi l-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija, li jirrikjedi li jitqiesu l-impatti ambjentali tal-attività u tal-prodotti u s-servizzi pprovduti minn dik l-attività matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

([22]) Fil-prattika, dan ifisser li mhumiex meħtieġa analiżijiet attributtivi jew konsegwenzjali taċ-ċiklu tal-ħajja (eż. inklużi l-impatti ambjentali indiretti tal-bidliet teknoloġiċi, ekonomiċi jew soċjali minħabba l-miżura). Madankollu, l-evidenza mill-analiżijiet eżistenti taċ-ċiklu tal-ħajja tista' tintuża biex tissostanzja l-valutazzjoni tad-DNSH.

([23]) Dan l-approċċ japplika b'mod partikolari għal miżuri taħt l-RRF li huma relatati ma' investimenti pubbliċi, jew li jinvolvu direttament nefqa tal-gvern. Fil-każ ta' miżuri relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi, bħala regola, il-valutazzjoni tad-DNSH jenħtieġ li titwettaq b'referenza għall-istatus quo qabel l-implimentazzjoni tal-miżura.

([24]) Dan l-approċċ huwa konformi mal-loġika tar-Regolament dwar it-Tassonomija: skont l-abbozzi tal-att delegat, bosta mill-kriterji tekniċi ta' skrinjar dwar id-DNSH huma bbażati fuq kriterji *assoluti*, bħal-limiti speċifiċi tal-emissjonijiet (eż. limiti ta' $CO_2$ fil-każ ta' soluzzjonijiet ta' adattament fl-attivitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għall-vetturi tal-passiġġieri). L-approċċ huwa appoġġat ukoll mill-prinċipju ta' prekawzjoni, li huwa wieħed mill-prinċipji gwida tal-liġijiet ambjentali fl-UE, inkluż ir-Regolament dwar it-Tassonomija (il-Premessa 40 u l-Artikolu 19(1)(f)) u jirriżulta mill-fatt li l-ħsara lill-ambjent jeħtieġ li titqies minn perspettiva assoluta u mhux relattiva (eż. it-tisħin globali jirriżulta minħabba l-livell assolut tat-totalità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra).

simili, jekk xi skema għall-iskreppjar tal-karozzi jkollha l-għan li tissostitwixxi karozzi ineffiċjenti b'karozzi aktar effiċjenti li jiddependu fuq magni tal-kombustjoni interna, l-impatt tal-karozzi ġodda b'magni tal-kombustjoni interna jiġi evalwat f'termini assoluti peress li jeżistu alternattivi b'impatt baxx (eż. karozzi b'emissjonijiet żero), aktar milli jitqabbel mal-impatt tal-karozzi ineffiċjenti li jkunu qed jissostitwixxu (ara l-Anness IV, Eżempju 5, li juri eżempju ta' nuqqas ta' konformità mad-DNSH).

**Għal attivitajiet ekonomiċi fejn ma hemm l-ebda alternattiva teknoloġikament jew ekonomikament** [25] **fattibbli b'impatt ambjentali baxx, l-Istati Membri jistgħu jagħtu prova li miżura ma tkun tagħmel l-ebda ħsara sinifikanti bl-adozzjoni tal-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur**. F'dawn il-każijiet, id-DNSH tiġi vvalutata meta mqabbla mal-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur. Jeħtieġ li jiġu applikati għadd ta' kundizzjonijiet għal dan l-approċċ, inkluż il-fatt li l-attività twassal b'mod sinifikanti għal prestazzjoni ambjentali aħjar mill-alternattivi disponibbli, tevita effetti ta' intrappolament li jagħmlu ħsara lill-ambjent, u ma tfixkilx l-iżvilupp u l-użu ta' alternattivi b'impatt baxx [26]· [27]. Dan l-approċċ jentieġ li jiġi applikat fil-livell ta' settur, jiġifieri jenħtieġ li jiġu esplorati l-alternattivi kollha fi ħdan is-settur [28].

**Fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti hawn fuq, il-miżuri relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bl-użu tal-fjuwils fossili, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bħala regola ġenerali jenħtieġ li ma jitqisux konformi skont id-DNSH għall-finijiet tal-RRF, minħabba l-eżistenza ta' alternattivi b'livell baxx ta' karbonju**. Minn perspettiva ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jistgħu jsiru eċċezzjonijiet limitati għal miżuri relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bl-użu tal-gass naturali, kif ukoll ma' infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, għal din ir-regola ġenerali, fuq bażi ta' każ b'każ. Dan huwa rilevanti b'mod speċifiku għall-Istati Membri li jiffaċċjaw sfidi sinifikanti fit-tranżizzjoni lil hinn minn sorsi ta' enerġija aktar intensivi fl-użu tal-karbonju, bħall-faħam, il-linjite jew iż-żejt, u fejn xi miżura jew taħlita ta' miżuri jkunu jistgħu għalhekk iwasslu għal tnaqqis partikolarment kbir u rapidu fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Dawk l-eċċezzjonijiet se jkollhom jikkonformaw ma' għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, sabiex jiġu evitat effetti ta' intrappolament intensiv ta' karbonju u jkunu konformi mal-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE għall-2030 u l-2050. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkollhom bżonn jagħtu prova tal-konformità mad-DNSH ta' dawn il-miżuri għall-ħames objettivi ambjentali li jifdal.

**Biex jiġi żgurat li l-miżuri jibqgħu validi fil-futur u ma jwasslux għal effetti ta' intrappolament dannużi, u biex jiġu promossi effetti dinamiċi ta' benefiċċju, jistgħu jkunu meħtieġa riformi u investimenti ta' akkumpanjament.** Eżempji ta' miżuri ta' akkumpanjament bħal dawn jinkludu li t-toroq jiġu mgħammra b'infrastruttura ta' livell baxx ta' karbonju (eż. stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jew stazzjonijiet tal-fjuwil tal-idroġenu) u l-istabbiliment ta' tariffi xierqa ta' aċċess tat-toroq jew għall-konġestjoni, jew riformi u investimenti usa' għad-dekarbonizzazzjoni tat-taħlitiet tal-elettriku jew tas-sistemi tat-trasport nazzjonali. Filwaqt li dawn ir-riformi u l-investimenti addizzjonali jistgħu jiġu indirizzati fi ħdan l-istess miżura, permezz ta' xi submiżura, dan mhux dejjem ikun possibbli. Għalhekk, għandha tingħata flessibbiltà biex tippermetti lill-Istati Membri f'ċirkostanzi limitati u fuq bażi ta' każ b'każ biex jagħtu prova li jkunu qed jevitaw effetti negattivi ta' intrappolament billi jiddependu fuq miżuri ta' akkumpanjament fl-RRP.

(25) Biex jintwera li xi alternattiva b'impatt ambjentali baxx ma tkunx ekonomikament fattibbli, l-Istati Membri jkunu jridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-kosti li jiġu kkawżati tul il-ħajja kollha tal-miżura. Dawn il-kosti jinkludu esternalitajiet ambjentali negattivi u l-ħtiġijiet ta' investiment fil-futur li jkunu neċessarji għall-bidla lejn alternattiva b'impatt ambjentali baxx, l-evitar ta' effetti ta' intrappolament jew kemm ikun se jittellef l-iżvilupp u l-użu ta' alternattivi b'impatt baxx.

(26) Il-premessi 39 u 41, kif ukoll l-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija, jistabbilixxu d-definizzjoni ta' "attivitajiet ta' tranżizzjoni". Il-kundizzjonijiet deskritti hawn jitnisslu minn dik id-definizzjoni iżda mhumiex l-istess, peress li r-Regolament dwar it-Tassonomija jiddefinixxi kriterji għal attivitajiet ta' tranżizzjoni li jagħtu kontribut sostanzjali, filwaqt li din il-gwida tistabbilixxi kriterji għad-DNSH biss, u bħala tali hija applikabbli għal ġabra usa' ta' miżuri u tapplika test sostantiv differenti.

(27) Dan l-approċċ, u l-valutazzjoni DNSH b'mod kumplessiv, huwa mingħajr preġudizzju għal kunsiderazzjonijiet oħra li jaffettwaw il-valutazzjoni ta' miżuri fil-kuntest tal-RRPs, inkluż kunsiderazzjonijiet assoċjati mal-kontroll fuq l-għajnuna mill-Istati, il-konsistenza ma' fondi oħra mill-UE, u l-possibbiltà tal-esklużjoni tal-investiment privat. F'rabta mal-miżuri li jsostnu attivitajiet koperti b'mod partikolari mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), sabiex ma jiġux ikkawżati distorsjonijiet fis-sinjali tas-suq li jingħataw mill-ETS u f'konformità mal-approċċ skont il-Fond għal Tranżazzjoni Ġusta, jenħtieġ li, ġeneralment. l-attivitajiet b'emissjonijiet projettati b'ekwivalenza $CO_2$ li ma jkunux sostanzjament anqas mill-livelli ta' referenza relevanti stabbiliti għall-allokazzjoni ma jingħatawx sostenn skont l-RRF.

(28) F'każijiet fejn anke l-aqwa livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali xorta jkun iwassal għal effetti ta' intrappolament li jagħmlu ħsara lill-ambjent, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati miżuri li jappoġġaw ir-riċerka dwar u l-iżvilupp ta' alternattivi b'impatt aktar baxx, f'konformità mal-oqsma ta' intervent 022 u 023, stabbiliti fil-"Metodoloġija għat-trekkjar tal-klima" annessa mar-Regolament RRF.

**Il-konformità mad-DNSH, skont dawn il-prinċipji gwida, għandha tiġi integrata fit-tfassil tal-miżuri, inkluż fil-livell tal-istadji importanti u tal-miri.** Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-miżuri fir-RRP tkun tirrifletti l-kunsiderazzjonijiet rilevanti tad-DNSH mill-bidu nett. Dan jista' jfisser li jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet tad-DNSH u l-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa li jkollhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-konformità fl-istadji importanti u fil-miri korrispondenti jew fil-proċessi tas-sejħiet għall-offerti u tal-akkwist ([29]). Pereżempju, miżura li tistabbilixxi investimenti fi proġett kbir ta' infrastruttura tat-toroq, li dwarha kellha titwettaq VIA qabel ma jinħarġu l-permessi rilevanti, tista' tispeċifika bħala pass importanti l-implimentazzjoni tal-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent li rriżultaw mill-VIA. Fir-rigward tal-proċess tal-offerti jew tal-akkwist għal dan it-tip ta' proġett, it-tfassil tal-miżura jista' jistabbilixxi li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta jew tal-akkwist ikun fihom kundizzjonijiet speċifiċi relatati mad-DNSH, Dan jista' jinkludi, pereżempju perċentwal minimu ta' skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni li jitħejja għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Bl-istess mod, jenħtieġ li fid-deskrizzjoni ta' din il-miżura jiġu integrati miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw il-bidla lejn modi ta' trasport aktar nodfa, bħal riformi relatati mal-prezz għall-użu tat-toroq, investimenti li jappoġġaw il-bidla modali lejn il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni jew inċentivi għall-użu tat-trasport pubbliku. Għandhom jitfasslu miżuri ta' natura aktar ġenerali, bħal skemi wiesgħa ta' appoġġ għall-industrija (eż. strumenti finanzjarji li jkopru investimenti f'kumpaniji f'diversi setturi), biex jiġi żgurat li l-investimenti rilevanti jkunu jaderixxu mad-DNSH.

### 2.5 *L-applikabbiltà tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar tar-Regolament dwar it-Tassonomija*

**L-Istati Membri mhumiex obbligat jirreferu għall-"kriterji tekniċi ta' skrinjar" (kriterji kwantitattivi u/jew kwalitattivi) stabbiliti dkont ir-Regolament dwar it-Tassonomija sabiex tiġi sostanzjata l-konformità mad-DNSH.** Skont ir-Regolament RRF ([30]), jenħtieġ li d-dħul fis-seħħ tal-atti delegati li fihom kriterji tekniċi ta' skrinjar ([31]) ma jaffettwax il-gwida teknika pprovduta mill-Kummissjoni. Madankollu, meta jivvalutaw il-konformità mad-DNSH, l-Istati Membri għandhom l-għażla li jistrieħu fuq il-kriterji tekniċi ta' skrinjar fl-atti delegati skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija. Jistgħu jirreferu wkoll għall-verżjoni abbozzata tal-atti delegati.

## 3. L-Istati Membri kif għandhom juru b'mod konkret fil-pjanijiet tagħhom li l-miżuri jikkonformaw mad-DNSH?

**Biex tiffaċilita l-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tad-DNSH mill-Istati Membri fl-RRPs tagħhom, il-Kummissjoni ħejjiet lista ta' kontroll (ara l-Anness I)**, li jenħtieġ li tintuża mill-Istati Membri biex isostnu l-analiżi tagħhom ta' kif kull miżura hija relatata mad-DNSH. Il-Kummissjoni mbagħad se tuża din l-informazzjoni biex tivvaluta jekk u kif kull miżura fl-RRP tkun tirrispetta d-DNSH, skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament RRF.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jwieġbu l-mistoqsijiet stabbiliti fil-lista ta' kontroll, u jintegraw it-tweġibiet fl-RRP tagħhom**, bħala parti mid-deskrizzjoni ta' kull miżura (ara l-Parti 2, it-Taqsima 8 tal-Mudell tal-Kummissjoni – *ma tagħmlix ħsara sinifikanti*). Fejn meħtieġ għall-appoġġ tal-valutazzjoni pprovduta fil-lista ta' kontroll, l-Istati Membri huma mistiedna wkoll jipprovdu analiżi addizzjonali u/jew dokumenti ta' sostenn, b'mod immirat u limitat, biex ikomplu jissostanzjaw it-tweġibiet tagħhom għal-lista ta' mistoqsijiet.

**Il-lista ta' kontroll hija bbażata fuq is-siġra tad-deċiżjonijiet li ġejja, li għandha tintuża għal kull miżura tal-RRP.** It-taqsima ta' hawn taħt tipprovdi aktar informazzjoni dwar iż-żewġ stadji tas-siġra tad-deċiżjonijiet.

---

([29]) Stadji importanti u miri, inkluż dawk li jirriflettu l-konformità mad-DNSH, huma suġġetti, bħall-istadji importanti u l-miri l-oħra kollha, għall-Artikolu 19a tar-Regolament RRF (*Regoli dwar il-pagamenti, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' ftehimiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-għajnuna għas-self*).

([30]) Il-Premessa 11b tar-Regolament RRF.

([31]) Abbażi tal-Artikolu 3(d) tar-Regolament dwar it-Tassonomija ( "*Kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli*"), il-Kummissjoni ghandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jkun fihom kriterji tekniċi dettaljati ta' skrinjar (kriterji kwantitattivi u/jew kwalitattivi) biex tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tkun tista' (i) tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għal wieħed mis-sitt objettivi ambjentali; u (ii) li ma tagħmel l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali oħra. S'issa, ġie ppubblikat għall-konsultazzjoni att delegat wieħed relatat mal-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Jista' jinstab hawn: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12302-Climate-change-mitigation-and-adaptation-taxonomy#ISC_WORKFLOW




*Dijagramma deċiżjonali*

***Stadju 1: Jiġu ffiltrati s-sitt objettivi ambjentali biex jiġu identifikati dawk li jeħtieġu valutazzjoni sostantiva***

**Bħala l-ewwel pass, l-Istati Membri huma mistiedna jimlew il-Parti 1 tal-lista ta' kontroll (ara l-Anness I), biex jidentifikaw liema mis-sitt objettivi ambjentali jirrikjedu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura.** Dan l-ewwel skrinjar ta' livell għoli se jiffaċilita l-analiżi tal-Istati Membri, billi jiddistingwi bejn l-objettivi ambjentali li għalihom il-valutazzjoni tad-DNSH se tkun teħtieġ valutazzjoni sostantiva, u dawk li għalihom approċċ simplifikat (ara t-Taqsima 2.2) jista' jkun biżżejjed.

*Parti 1 tal-lista ta' kontroll*

| Jekk jogħġbok indika liema mill-objettivi ambjentali hawn taħt jeħtieġu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura | Iva | Le | Ġustifikazzjoni jekk l-għażla tkun "Le" |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | | | |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | | | |
| l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar; | | | |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | | | |
| Il-prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis fl-arja, l-ilma jew l-art | | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. | | | |

**Meta t-tweġiba tkun "le", l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu ġustifikazzjoni qasira (fil-kolonna tal-lemin), għaliex l-objettiv ambjentali ma jeħtieġx valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura**, abbażi ta' wieħed mill-każijiet li ġejjin (li għandu jiġi indikat mill-Istati Membri) (ara t-Taqsima 2.2):

a. Il-miżura ma għandha l-ebda impatt prevedibbli fuq l-objettiv ambjentali, jew impatt insinifikanti relatat mal-effetti diretti u indiretti primarji tal-miżura tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, minħabba n-natura tagħha, u bħala tali titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol l-objettiv relevanti;

b. Il-miżura tiġi ttrekkjata bħala li tappoġġa objettiv tat-tibdil fil-klima jew ambjentali b'koeffiċjent ta' 100 %, u bħala tali titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol l-objettiv rilevanti;

c. Il-miżura "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali" għal objettiv ambjentali, skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, u bħala tali titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol l-objettiv rilevanti.

Għall-miżuri tal-RRP li għalihom l-approċċ simplifikat ikun biżżejjed, l-ispjegazzjonijiet mitluba (il-kolonna tal-lemin) jistgħu jiġu limitati għal minimu u jekk ikun utli jingabru flimkien, biex b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffukaw fuq id-dimostrazzjoni tal-valutazzjoni tad-DNSH għal dawk il-miżuri fejn tkun meħtieġa analiżi sostantiva tal-ħsara sinifikanti possibbli.

Meta t-tweġiba tkun "iva", l-Istati Membri huma mistiedna jipproċedu għall-Istadju 2 tal-lista ta' kontroll għall-objettivi ambjentali korrispondenti.

*Għal eżempji mfassla fir-rigward ta' dan il-pass, ara l-Anness IV.*

***Stadju 2: Tiġi pprovduta valutazzjoni sostantiva tad-DNSH għal dawk l-objettivi ambjentali li jeħtiġuha***

**Bħala t-tieni pass, għal kull miżura tal-pjan, l-Istati Membri huma mistiedna jużaw il-Parti 2 tal-lista ta' kontroll (ara l-Anness I) biex iwettqu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH fejn jidħlu dawk l-objettivi ambjentali magħżula b'"iva" skont l-Istadju 1.** Il-parti 2 tal-lista ta' kontroll tiġbor, għal kull wieħed mis-sitt objettivi, il-mistoqsijiet li jikkorrispondu għar-rekwiżiti legali tal-valutazzjoni tad-DNSH. Biex il-miżuri jiġu inklużi fil-pjan, dawn ikunu jridu jikkonformaw mad-DNSH. Għalhekk, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet fil-Parti 2 tal-lista ta' kontroll għandhom ikunu "le", biex jindikaw li mhi qed issir l-ebda ħsara sinifikanti lill-objettiv ambjentali speċifiku.

*Parti 2 tal-lista ta' kontroll — Eżempju għall-objettiv ambjentali "mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima"*

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima*<br>Il-miżura mistennija twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra? | | |

**L-Istati Membri huma mitluba jikkonfermaw li t-tweġiba hija "le", u jipprovdu spjegazzjoni sostantiva u ġustifikazzjoni tar-raġunament tagħhom fil-kolonna tal-lemin, abbażi tad-domandi korrispondenti.** Fejn meħtieġ, bħala żieda mat-tabella, l-Istati Membri huma mistiedna wkoll jipprovdu analiżi addizzjonali u/jew dokumenti ta' sostenn, b'mod immirat u limitat, biex ikomplu jissostanzjaw it-tweġibiet tagħhom għal-lista ta' mistoqsijiet.

**Meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jipprovdu ġustifikazzjoni sostantiva suffiċjenti, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li miżura partikolari tkun assoċjata ma' xi ħsara sinifikanti possibbli** lil xi wħud mis-sitt objettivi ambjentali. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni jkollha bżonn tagħti klassifikazzjoni ta' "C" lill-RRP skont il-kriterju stabbilit fil-paragrafu 2.4 tal-Anness II tar-Regolament tal-RRF. Dan ikun bla ħsara għall-proċess imfisser fl-Artikoli 16 u 17 tal-Regolament RRF, u b'mod partikolari l-possibbiltà ta' skambji ulterjuri bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni, kif imfisser fl-Artikolu 16(1).

*Għal eżempji elaborati fir-rigward ta' dan l-istadju, ara l-Anness IV.*

**Fejn ikun utli, meta jipprovdu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH fil-kuntest tal-Istadju 2, l-Istati Membri jistgħu jistrieħu fuq il-lista ta' elementi ta' evidenza ta' sostenn ipprovduta fl-Anness II.** Din il-lista hija pprovduta mill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-valutazzjoni każ b'każ mill-Istat Membru bħala parti mill-valutazzjoni sostantiva fil-kuntest tal-Istadju 2 tal-lista ta' kontroll. Filwaqt li l-użu ta' din il-lista huwa fakultattiv, l-Istati Membri jistgħu jirreferu għal din il-lista biex jidentifikaw it-tip ta' evidenza li tkun tista' ssostni r-raġunament tagħhom biex jistabbilixxu li miżura tkun konformi mad-DNSH, li tikkomplementa l-mistoqsijiet ġenerali inklużi fil-Parti 2 tal-lista ta' kontroll.

*ANNESS I*

**Lista ta' kontroll tad-DNSH**

1. **L-Ewwel Parti – Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffiltraw is-sitt objettivi ambjentali biex jidentifikaw dawk li jeżiġu valutazzjoni sostantiva. Għal kull miżura, indika liema mill-objettivi ambjentali ta' hawn taħt, kif definiti fl-Artikolu 17 (*"Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali "*) tar-Regolament dwar it-Tassonomija, jeħtieġu valutazzjoni sostantiva tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju DNSH:**

| Indika liema mill-objettivi ambjentali hawn taħt jirrikjedu valutazzjoni sostantiva tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju DNSH | Iva | Le | Jekk għażilt "Le" ġġustifika għaliex |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | | | |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | | | |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | | | |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | | | |
| Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis fl-arja, fl-ilma jew fl-art | | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | | | |

2. **It-Tieni Parti – Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu valutazzjoni sostantiva fir-rigward tal-prinċipju DNSH għal dawk l-objettivi ambjentali li jeżiġuha. Għal kull miżura, wieġeb il-mistoqsijiet ta' hawn taħt, għal dawk l-objettivi ambjentali identifikati fl-Ewwel Parti bħala li jeżiġu valutazzjoni sostantiva:**

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima* Il-miżura mistennija twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra? | | |
| *Adattament għat-tibdil fil-klima:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda fl-impatt negattiv tal-klima attwali u l-klima mistennija fil-futur, fuq il-miżura nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi? | | |
| *L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar:* Il-miżura mistennija tkun ta' detriment:<br>(i) għall-istat tajjeb jew għall-potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma, inklużi ilma tal-wiċċ u ilma ta' taħt l-art; jew<br>(ii) għall-istat ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar? | | |
| *It-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart:* Il-miżura mistennija li:<br>(i) twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart, bl-eċċezzjoni tal-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli; jew | | |

| | | |
|---|---|---|
| (ii) twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu dirett jew indirett ta' xi riżorsa naturali [1] fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha li ma jkunux minimizzati b'miżuri adegwati [2]; jew<br>(iii) tikkawża ħsara sinifikanti u fit-tul lill-ambjent fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari [3]? | | |
| *Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu [4] l-arja, l-ilma jew l-art? | | |
| *Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi*: Il-miżura mistennija tkun:<br>(i) ta' detriment sinifikanti għall-kundizzjoni tajba [5] u r-reżiljenza tal-ekosistemi; jew<br>(ii) ta' detriment għall-istat ta' konservazzjoni ta' ħabitats u speċijiet, inklużi dawk ta' interess għall-Unjoni? | | |

(1) Ir-riżorsi naturali jinkludu l-enerġija, il-materjali, il-metalli, l-ilma, il-bijomassa, l-arja u l-art.

(2) Pereżempju, l-ineffiċjenzi jistgħu jiġu minimizzati billi jiżdiedu b'mod sinifikanti d-durabbiltà, ir-riparabbiltà, l-aġġornabbiltà u l-kapaċità ta' użu mill-ġdid tal-prodotti jew billi r-riżorsi jitnaqqsu b'mod sinifikanti permezz tad-disinn u l-għażla tal-materjali, jiġi ffaċilitat l-adattament, iż-żarmar u d-dekostruzzjoni, b'mod partikolari biex jitnaqqas l-użu tal-materjali tal-kostruzzjoni u jiġi promoss l-użu mill-ġdid tal-materjali tal-kostruzzjoni. Barra minn hekk, dan jista' jsir permezz tat-tranżizzjoni lejn mudelli kummerċjali ta' "il-prodott bħala servizz" u katini ta' valur ċirkolari bl-għan li l-prodotti, il-komponenti u l-materjali jinżammu fl-ogħla utilità u valur tagħhom għall-itwal żmien possibbli. Dan jinkludi wkoll tnaqqis sinifikanti fil-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-materjali u l-prodotti, inkluż billi jiġu sostitwiti b'alternattivi aktar sikuri. Dan jinkludi anki tnaqqis sinifikanti fil-ħela tal-ikel waqt il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-manifattura jew id-distribuzzjoni tal-ikel.

(3) Irreferi għall-Premessa 27 tar-Regolament dwar it-Tassonomija għal aktar informazzjoni dwar l-objettiv tal-ekonomija ċirkolari.

(4) Sustanza li tniġġes tfisser sustanza, vibrazzjoni, sħana, storbju, dawl jew kontaminant ieħor preżenti fl-arja, fl-ilma jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

(5) F'konformità mal-Artikolu 2(16) tar-Regolament dwar it-Tassonomija, "kundizzjoni tajba" tfisser, fir-rigward ta' ekosistema, li l-ekosistema tkun f'kundizzjoni fiżika, kimika u bijoloġika tajba jew ta' kwalità fiżika, kimika u bijoloġika tajba bil-kapaċità ta' awto-riproduzzjoni jew awto-restawr, li fiha ma ssirx ħsara lill-kompożizzjoni ta' speċi, lill-istruttura tal-ekosistema u lill-funzjonijiet ekoloġiċi.

*ANNESS II*

**Evidenza ta' sostenn għall-valutazzjoni sostantiva fir-rigward tal-prinċipju DNSH fil-kuntest tat-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll**

*Fejn ikun utli, meta jipprovdu valutazzjoni sostantiva għal miżura fir-rigward tal-prinċipju DNSH fil-kuntest tat-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll (ara t-Taqsima 3), l-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq il-lista (mhux eżawrjenti) ta' elementi ta' evidenza ta' sostenn hawn taht. Din il-lista tipprovdiha l-Kummissjoni biex tiffaċilita l-valutazzjoni każ b'każ mill-Istat Membru bħala parti mill-valutazzjoni sostantiva fil-kuntest tat-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll. Filwaqt li l-użu ta' din il-lista huwa fakultattiv, l-Istati Membri jistgħu jirreferu għal din il-lista biex jidentifikaw it-tip ta' evidenza li tista' tappoġġa r-raġunament tagħhom biex jistabbilixxu li miżura hija konformi mad-DNSH, u tikkomplementa l-mistoqsijiet ġenerali inklużi fit-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll.*

*Evidenza ta' sostenn trasversali*

— Il-parti applikabbli tal-**leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE** (b'mod partikolari l-valutazzjonijiet tal-ambjent) tkun ġiet osservata u jkunu ngħataw il-**permessi/awtorizzazzjonijiet** rilevanti.

— Il-miżura tinkludi elementi li jirrikjedu li l-kumpaniji jimplimentaw xi **sistema ta' ġestjoni ambjentali** rikonoxxuta, bħall-EMAS (jew alternattivament l-ISO 14001 jew ekwivalenti), jew li jużaw u/jew jipproduċu prodotti jew servizzi li jingħataw **Ekotikketta tal-UE** ([1]) jew tikketta ambjentali oħra tat-Tip I ([2]).

— Il-miżura tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki ambjentali jew il-ksib ta' **parametri referenzjarji ta' eċċellenza** stabbiliti fid-Dokumenti ta' Referenza Settorjali ([3]) adottati skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (eco-management and audit scheme, EMAS ).

— Għall-investimenti pubbliċi, il-miżura tirrispetta l-**kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku** ([4]).

— Għall-investimenti fl-infrastruttura, l-investiment kien soġġett għal **verifika tar-reżistenza klimatika u ambjentali**.

*Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima*

— Għal **miżura f'qasam mhux kopert mill-parametri referenzjarji tal-ETS**, il-miżura tkun kompatibbli mal-ksib tal-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u mal-objettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050.

— Għal **miżura li tippromwovi l-elettrifikazzjoni**, il-miżura tkun ikkomplementata b'evidenza li t-taħlita tal-enerġija tinsab f'perkors lejn id-dekarbonizzazzjoni f'konformità mal-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u l-2050, u hija akkumpanjata minn żieda fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

*Adattament għat-tibdil fil-klima*

— Tkun twettqet **valutazzjoni** proporzjonata **tar-riskju klimatiku**.

— Jekk investiment ikun ogħla mill-valur ta' EUR 10 miljun, tkun twettqet jew hija ppjanata **valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika u tar-riskju** ([5]) li twassal għall-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' adattament rilevanti.

([1]) L-iskema tal-Ekotikketta tal-UE hija stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 66/2010. Il-lista ta' gruppi ta' prodotti li għalihom ġew stabbiliti kriterji tal-Ekotikketta tal-UE hija disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/environment/ecolabel/products-groups-and-criteria.html

([2]) It-tikketti ambjentali tat-Tip I huma stabbiliti fl-istandard ISO 14024:2018.

([3]) Disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/environment/emas/emas_publications/sectoral_reference_documents_en.htm

([4]) Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-kriterji tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-UE għal għadd kbir ta' gruppi ta' prodotti: https://ec.europa.eu/environment/gpp/eu_gpp_criteria_en.htm

([5]) L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-gwida tal-Kummissjoni dwar il-Verifika tas-sostenibbiltà tal-investimenti skont l-InvestEU, inkluża l-gwida dwar verifika tar-reżistenza klimatika tal-infrastruttura 2021-2027. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kriterji u l-indikaturi tagħhom stess għall-verifika tas-sostenibbiltà, kemm-il darba dawn ikunu bbażati fuq il-miri klimatiċi tal-UE, u jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-objettivi klimatiċi u ambjentali skont it-tifsira tar-Regolament 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088.

*L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar*

— Ir-**riskji** ta' degradazzjoni ambjentali **relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma** u l-evitar tal-istress tal-ilma jkunu ġew identifikati u indirizzati f'konformità mar-rekwiżiti skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u Pjan ta' Ġestjoni tal-Baċin tax-Xmara.

— Fil-każ ta' miżura fir-rigward tal-**ambjent kostali u tal-baħar**, il-miżura ma tkunx tipprekludi jew tikkomprometti b'mod permanenti l-ksib ta' stat ambjentali tajjeb kif definit skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina fil-livell tar-reġjun jew is-subreġjun marin ikkonċernat jew fl-ilmijiet marini ta' Stati Membri oħra.

— Il-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq (i) **il-korpi tal-ilma affettwati** (u lanqas ma tipprevjeni lill-korp tal-ilma speċifiku li miegħu hija relatata u lanqas korpi tal-ilma oħrajn fl-istess baċin tax-xmara milli jiksbu stat tajjeb jew potenzjal tajjeb, skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) jew (ii) **il-ħabitats u speċijiet protetti** li jiddependu direttament mill-ilma.

*L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart*

— Il-miżura tkun konformi mal-pjan nazzjonali jew reġjonali rilevanti għall-**ġestjoni tal-iskart u l-programm għall-prevenzjoni tal-iskart**, f'konformità mal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851, u, fejn disponibbli, l-istrateġija nazzjonali, reġjonali jew lokali rilevanti għal ekonomija ċirkolari.

— Il-miżura tkun konformi mal-**prinċipji ta' prodotti sostenibbli u l-ġerarkija tal-iskart**, bi prijorità fuq il-**prevenzjoni tal-iskart.**

— Il-miżura tkun tiżgura l-**effiċjenza fir-riżorsi** għar-riżorsi ewlenin użati. Jiġu indirizzati l-**ineffiċjenzi** ([6]) fl-użu tar-riżorsi, inkluż l-iżgurar li l-prodotti, il-binjiet u l-assi jintużaw b'mod effiċjenti u jkunu durabbli.

— Il-miżura tkun tiżgura l-**ġbir separat** effettiv u effiċjenti **tal-iskart fis-sors** u li l-frazzjonijiet segregati mis-sors jintbagħtu għat-**tħejjija għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.**

*Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis*

— Il-miżura tkun konformi mal-**pjanijiet** globali, nazzjonali, reġjonali jew lokali eżistenti **għat-tnaqqis tat-tniġġis.**

— Il-miżura tkun konformi mal-konklużjonijiet rilevanti tal-**Aħjar Tekniki Disponibbli (Best Available Techniques, BAT)** jew mad-**Dokumenti ta' Referenza tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (Best Available Techniques Reference Documents, BREFs)** ([7]) fis-settur.

— Se jiġu implimentati soluzzjonijiet alternattivi għall-użu ta' **sustanzi perikolużi** ([8]).

— Il-miżura tkun konformi mal-**użu sostenibbli tal-pestiċidi** ([9]).

— Il-miżura hija konformi mal-aħjar prattiki biex tiġi miġġielda **r-reżistenza għall-antimikrobiċi** ([10]).

*Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi*

— Il-miżura tirrispetta l-**ġerarkija tal-mitigazzjoni** ([11]) u rekwiżiti rilevanti oħra skont id-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar.

— Twettqet **valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent** u l-konklużjonijiet ġew implimentati.

---

([6]) Ara n-Nota 2 f'qiegħ il-paġna fl-Anness I ta' din il-gwida.

([7]) It-tip ta' evidenza ta' sostenn hija applikabbli għal attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE ("Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali"). Il-lista tal-konklużjonijiet BAT disponibbli u l-BREFs tinstab hawnhekk: https://eippcb.jrc.ec.europa.eu/reference

([8]) Din il-mistoqsija tindirizza l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis li jirriżulta minn attivitajiet industrijali. L-Artikolu 3(18) tad-Direttiva 2010/75/UE ("Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali", EID) "jiddefinixxi "sustanzi perikolużi" bħala: "sustanzi jew taħlitiet kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet". Barra minn hekk, l-Artikolu 58 tal-EID jiddikjara: "Is-sustanzi jew taħlitiet li, minħabba l-kontenut tagħhom ta' komposti organiċi volatili kklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni, jew tossiċi għar-riproduzzjoni taħt ir-Regolament 1272/2008, huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H340, H350, H350i, H360D jew H360F, għandhom jinbidlu, safejn hu possibbli b'sustanzi jew taħlitiet inqas dannużi fl-iqsar żmien possibbli.

([9]) Kif stabbilit fid-Direttiva 2009/128/KE dwar l-Użu Sostenibbli.

([10]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-passi li jmiss biex l-UE ssir reġjun tal-aħjar prattika fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (2019/C 214/01).

([11]) F'konformità mal-Gwida metodoloġika dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(3) u (4) tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-Ħabitats.

*ANNESS III*

**Kundizzjonijiet speċifiċi għall-konformità mal-objettiv tad-DNSH dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-RRF għal miżuri relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali**

— L-appoġġ għal miżuri relatati mal-**ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bbażati fuq il-gass naturali** jista' eċċezzjonalment jingħata fuq bażi ta' każ b'każ fi Stati Membri li jiffaċċjaw sfidi sinifikanti fit-tranżizzjoni lil hinn minn sorsi ta' enerġija intensivi fl-użu tal-karbonju, dment li dan l-appoġġ jikkontribwixxi għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE għall-2030 u l-2050, jekk:

 — Il-miżuri jkunu jirrigwardaw il-produzzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass jew ta' Sħana u Enerġija Kombinati li jaħdmu bil-gass li tibqa' valida fil-futur, flessibbli u effiċjenti, b'emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' inqas minn 250 $gCO_2e/kWh$ matul il-ħajja ekonomika tal-faċilità;

 jew

 — Il-miżuri jkunu jirrigwardaw il-produzzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass li tibqa' valida fil-futur, flessibbli u effiċjenti jew is-Sħana u l-Enerġija Kombinati li jaħdmu bil-gass, li jiġu adattati biex jaħdmu bil-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju u:

  — l-RRP ikun jinkludi pjanijiet jew impenji kredibbli biex jiżdied l-użu tal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju; kif ukoll

  — jirriżultaw fl-għeluq simultanju ta' impjant tal-enerġija u/jew faċilità tal-ġenerazzjoni tas-sħana b'intensità pjuttost akbar ta' karbonju (eż. faħam, linjite jew żejt) b'mill-inqas l-istess kapaċità, li jwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra; kif ukoll

  — l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' juri li għandu perkors kredibbli biex iżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli lejn il-mira tagħhom tal-enerġiji rinnovabbli għall-2030; kif ukoll

  — l-RRP jkun jinkludi riformi u investimenti konkreti biex jiżdied is-sehem tas-sorsi rinnovabbli.

— L-appoġġ għal miżuri relatati ma' **faċilitajiet ta' ġenerazzjoni bbażati fuq il-gass naturali f'sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali** jista' eċċezzjonalment jingħata jekk il-faċilità tissodisfa r-rekwiżiti ta' sistemi ta' "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" (kif definit fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE) u tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-ġenerazzjoni ta' sħana/enerġija naturali bbażata fuq il-gass kif deskritt fl-ewwel inċiż ta' dan l-Anness.

— L-appoġġ għal miżuri relatati ma' **networks ta' tisħin u tkessiħ distrettwali li jiksbu sħana/tkessiħ minn faċilitajiet li jużaw il-gass naturali** jista' eċċezzjonalment jingħata, jekk:

 — ikunu parti minn sistemi ta' "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" (kif definit fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE), li jiksbu sħana/tkessiħ minn faċilitajiet eżistenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ġenerazzjoni ta' sħana/enerġija naturali bbażata fuq il-gass kif deskritt fl-ewwel inċiż;

 jew

 — l-investimenti fil-faċilità tal-ġenerazzjoni tas-sħana/enerġija jibdew fi żmien tliet snin mill-modernizzazzjoni tan-network, ikollhom l-għan li jagħmlu s-sistema sħiħa effiċjenti (kif definit fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE) u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ġenerazzjoni ta' sħana/enerġija naturali bbażata fuq il-gass kif deskritt fl-ewwel inċiż.

— L-appoġġ għal miżuri relatati mal-**infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni ta' karburanti gassużi** huwa possibbli, jekk ikunu jippermettu fil-mument tal-kostruzzjoni t-trasport (u/jew il-ħżin) ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju.

— L-appoġġ għal miżuri relatati ma' **bojlers b'bażi ta' gass naturali u sistemi ta' tisħin (u infrastruttura tad-distribuzzjoni relatata)** jista' eċċezzjonalment jingħata, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk:

 — ikunu jew f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1369 dwar il-Qafas dwar it-Tikkettar tal-Enerġija ([1]) jew inkella jkunu qed jiġu installati f'binjiet li jiffurmaw parti minn programm usa' ta' effiċjenza enerġetika jew ta' rinnovazzjoni tal-bini, f'konformità mal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, li jwassal għal titjib sostanzjali fir-rendiment fl-użu tal-enerġija, u

([1]) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1369 dwar il-Qafas għat-Tikkettar tal-Enerġija jistipula li l-inċentivi pprovduti mill-Istati Membri għandhom iżommu fil-mira l-ogħla żewġ klassijiet ta' effiċjenza enerġetika popolati b'mod sinifikanti, jew klassijiet ogħla kif stabbilit f'att delegat. Rigward l-apparat għat-tisħin tal-post u tal-ilma, il-prodotti li jaħdmu bil-fjuwils fossili ġeneralment ma jinsabux f'dawn il-klassijiet bl-eċċezzjoni possibbli tal-prodotti tal-mikrokoġenerazzjoni li jaħdmu bil-gass.

— iwasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra; kif ukoll

— iwasslu għal titjib sinifikanti tal-ambjent (b'mod partikolari minħabba t-tnaqqis tat-tniġġis) u tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari f'żoni fejn l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE stabbiliti bid-Direttiva 2008/50/UE jinqabżu jew ikun hemm riskju li jinqabżu, bħal meta jiġu sostitwiti s-sistemi tat-tisħin u l-bojlers ibbażati fuq il-faħam jew iż-żejt.

*ANNESS IV*

**Eżempji elaborati ta' kif tiġi implimentata l-valutazzjoni DNSH**

*Din it-taqsima tipprovdi eżempji elaborati ta' miżuri ipotetiċi u l-elementi ġenerali li jistgħu jiffurmaw parti mill-valutazzjoni DNSH, bl-użu taż-żewġ stadji tal-lista ta' kontroll deskritta fit-Taqsima 3. Dawn l-eżempji qed jingħataw mingħajr preġudizzju għal-livell ta' dettall jew kontenut meħtieġ fid-deskrizzjoni tal-miżura u l-valutazzjoni DNSH attwali li għandha titwettaq fl-RRPs. Il-valutazzjoni DNSH li fl-aħħar mill-aħħar tkun meħtieġa tiddependi fuq in-natura u l-karatteristiċi ta' kull miżura, u ma tistax tiġi koperta b'mod eżawrjenti għall-finijiet ta' dan id-dokument.*

**Eżempju 1: Miżuri ta' effiċjenza enerġetika f'bini eżistenti, inkluż is-sostituzzjoni ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ**

*Deskrizzjoni tal-miżura*

Investimenti fi programm wiesa' ta' rinnovazzjoni tal-bini għall-effiċjenza enerġetika, li jwassal għal titjib sostanzjali fir-rendiment fl-użu tal-enerġija, immirat lejn ir-rinnovazzjoni ta' unitajiet residenzjali eżistenti permezz ta' varjetà ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, inklużi l-iżolament, twieqi effiċjenti, is-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ, soqfa ekoloġiċi, u l-installazzjoni ta' tagħmir għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli (eż. pannelli solari fotovoltajċi).

*L-Ewwel Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Indika liema mill-objettivi ambjentali hawn taħt jirrikjedu valutazzjoni sostantiva tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju DNSH | Iva | Le | Jekk għażilt "Le" ġġustifika għaliex |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | X | | |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | X | | |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Ma huma identifikati l-ebda riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-istress tal-ilma, peress li mhux qed jiġu installati fittings tal-ilma jew apparat li juża l-ilma. |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | X | | |
| Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis fl-arja, fl-ilma jew fl-art | X | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Il-programm ta' rinnovazzjoni tal-bini ma jikkonċernax bini li jinsab f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom (inkluż in-network Natura 2000 ta' żoni protetti, siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u Żoni Ewlenin tal-Bijodiversità, kif ukoll żoni protetti oħrajn). |

*It-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima*<br>Il-miżura mistennija twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra? | X | Il-miżura hija eliġibbli għall-qasam ta' intervent 025 fl-Anness tar-Regolament RRF b'koeffiċjent tat-tibdil fil-klima ta' 40%. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Mhux mistenni li l-miżura twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra minħabba li:<br>— Il-bini ma jintużax għall-estrazzjoni, il-ħżin, it-trasport jew il-manifattura tal-fjuwils fossili.<br>— Il-programm ta' rinnovazzjoni għandu l-potenzjal li jnaqqas l-użu tal-enerġija, iżid l-effiċjenza enerġetika, iwassal għal titjib sostanzjali fir-rendiment tal-enerġija tal-binjiet ikkonċernati, u jnaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (ara l-ispeċifikazzjonijiet tal-miżura fil-paġna X tal-RRP u l-ispeċifikazzjonijiet fil-punt li jmiss hawn taħt). Bħala tali, dan se jikkontribwixxi għall-mira nazzjonali ta' żieda annwali fl-effiċjenza enerġetika, stabbilita skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (2012/27/UE) u l-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali għall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.<br>— Din il-miżura se twassal għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jiġifieri madwar XX kt ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-sena, li jikkorrispondi għal X% tal-emissjonijiet nazzjonali ta' gassijiet serra mis-settur residenzjali (ara l-analiżi fil-paġna X tal-RRP).<br>— Il-programm ta' rinnovazzjoni se jinkludi, fost l-oħrajn, is-sostituzzjoni ta' sistemi tat-tisħin ibbażati fuq il-faħam/żejt b'bojlers li jikkondensaw il-gass:<br>— Dawn il-bojlers jikkorrispondu għall-klassi A, li hija taħt l-ogħla żewġ klassijiet ta' effiċjenza enerġetika popolati b'mod sinifikanti f'dan l-Istat Membru. Ġew ikkunsidrati alternattivi b'livell aktar baxx ta' karbonju u aktar effiċjenti (b'mod partikolari, il-pompi tas-sħana tal-klassijiet A++ u A+) iżda minħabba l-arkitettura tal-binjiet koperti mill-programm, ma jistgħux jiġu installati pompi tas-sħana komuni, u l-bojlers li jikkondensaw il-gass tal-klassi A huma l-alternattiva teknoloġikament fattibbli bl-aħjar rendiment.<br>— Barra minn hekk, l-investimenti fil-bojlers li jikkondensaw il-gass huma parti minn programm usa' ta' rinnovazzjoni tal-bini għall-effiċjenza enerġetika, f'konformità mal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, u jwasslu għal titjib sostanzjali fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.<br>— Flimkien mal-installazzjoni ta' dawn il-bojlers, il-miżura tinkludi wkoll l-installazzjoni ta' pannelli solari fotovoltajċi bħala parti minn dawn ir-rinnovazzjonijiet tal-bini.<br>— Sabiex ma jiġix ostakolat l-użu ta' alternattivi b'livell baxx ta' karbonju, b'mod partikolari l-pompi tas-sħana, fl-Istati Membri kollha, ir-riforma X ta' dan il-komponent (ara l-paġna Y tal-RRP) se twassal għal rieżami tal-ipprezzar relattiv tal-fjuwil. |
| *Adattament għat-tibdil fil-klima.* Il-miżura mistennija twassal għal żieda fl-impatt negattiv tal-klima attwali u l-klima mistennija fil-futur, fuq il-miżura nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi? | X | Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li jistgħu jkunu materjali għal din il-miżura ġew ivvalutati bħala parti minn analiżi tal-esponiment, li kopriet il-klima attwali u futura, u li wriet li l-binjiet fiż-żona klimatika fil-mira se jkunu esposti għal mewġiet ta' sħana. Il-miżura teżiġi li l-operaturi ekonomiċi jiggarantixxu li s-sistemi tekniċi tal-kostruzzjoni fil-binjiet rinnovati jkunu ottimizzati biex lil min jokkupa l-binja jipprovdulu kumdità termika anki f'dawk it-temperaturi estremi. Għalhekk ma hemm l-ebda evidenza ta' effetti negattivi kemm diretti kif ukoll indiretti primarji tal-miżura tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha rigward dan l-objettiv ambjentali. |
| *It-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart:* Il-miżura mistennija li:<br>(i) twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart, bl-eċċezzjoni tal-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli; jew | X | Il-miżura tobbliga li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu r-rinnovazzjoni tal-bini jiggarantixxu li mill-inqas 70% (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jissostitwixxu materjali oħra, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u t-Twaqqigħ. |

| | | |
|---|---|---|
| (ii) twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu dirett jew indirett ta' xi riżorsa naturali fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha li ma jkunux minimizzati b'miżuri adegwati; jew<br>(iii) tikkawża ħsara sinifikanti u fittul lill-ambjent fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari? | | Il-miżura tinkludi speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tagħmir tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li jista' jiġi installat fir-rigward tad-durabbiltà, ir-riparabbiltà u r-riċiklabbiltà tiegħu kif speċifikat fil-paġna X tal-RRP. B'mod partikolari, l-operaturi jillimitaw il-ġenerazzjoni tal-iskart fi proċessi relatati mal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, f'konformità mal-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni. Id-disinn tal-bini u t-tekniki tal-kostruzzjoni jappoġġaw iċ-ċirkolarità u b'mod partikolari juru, b'referenza għall-istandard tal-ISO 20887 jew standards oħra għall-valutazzjoni tad-diżassemblaġġ jew l-adattabbiltà tal-bini, kif huma ddisinjati biex ikunu aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, adattabbli, flessibbli u li jistgħu jiġu żarmati biex jippermettu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. |
| *Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja, fl-ilma jew fl-art? | X | Mhux mistenni li l-miżura twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja, fl-ilma jew fl-art minħabba li:<br>— Is-sostituzzjoni ta' sistemi tat-tisħin ibbażati fuq iż-żejt b'mod partikolari se twassal għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet fl-arja u titjib sussegwenti fis-saħħa pubblika, f'qasam fejn l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE stabbiliti bid-Direttiva 2008/50/UE jinqabżu jew x'aktarx jinqabżu.<br>— Kif deskritt fil-ġustifikazzjoni għall-objettiv ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, ġew ikkunsidrati alternattivi b'impatt aktar baxx iżda dawn mhumiex teknoloġikament fattibbli fil-kuntest ta' dan il-programm. Barra minn hekk, il-ħajja medja mistennija tal-bojlers li għandhom jiġu installati hija ta' 12-il sena.<br>— L-operaturi li jwettqu r-rinnovazzjoni huma obbligati jiggarantixxu li l-komponenti u l-materjali tal-bini użati fir-rinnovazzjoni tal-bini ma jkunx fihom l-asbestos u lanqas sustanzi ta' tħassib serju ħafna kif identifikati abbażi tal-lista ta' sustanzi soġġetti għall-awtorizzazzjoni stabbilita fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.<br>— L-operaturi li jwettqu r-rinnovazzjoni huma obbligati jiggarantixxu li l-komponenti u l-materjali tal-bini użati fir-rinnovazzjoni tal-bini li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-okkupanti jarmu inqas minn 0.06 mg ta' formaldeid għal kull $m^3$ ta' materjal jew komponent u inqas minn 0.001 mg ta' komposti organiċi volatili karċinoġeniċi tal-kategoriji 1A u 1B għal kull $m^3$ ta' materjal jew komponent, wara l-ittestjar f'konformità ma' CEN/TS 16516 u ISO 16000–3 jew kundizzjonijiet ta' ttestjar u metodu ta' determinazzjoni oħra standardizzati komparabbli.<br>— Se jittieħdu miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sorbju, trab u tal-emissjonijiet niġġiesa matul ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, kif deskritt fil-paġna X tal-RRP. |

**Eżempju 2: Il-ġestjoni tal-iskart (l-ipproċessar tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni)**

*Deskrizzjoni tal-miżura*

Din il-miżura hija investiment li jappoġġa l-bini ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-faċilitajiet jisseparaw u jipproċessaw flussi ta' skart mhux perikoluż u solidu miġbura separatament, inkluż mill-komponent tar-rinnovazzjoni tal-bini tal-RRP. Il-faċilitajiet jirriċiklaw skart mhux perikoluż u solidu f'materja prima sekondarja billi jinvolvu proċess ta' trasformazzjoni mekkanika. L-għan tal-miżura huwa li tikkonverti aktar minn 50%, f'termini ta' piż, tal-iskart ipproċessat miġbur separatament, mhux perikoluż u solidu f'materja prima sekondarja li hija adatta għas-sostituzzjoni ta' materjali primarji tal-kostruzzjoni.

*L-Ewwel Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Indika liema mill-objettivi ambjentali hawn taħt jirrikjedu valutazzjoni sostantiva tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju DNSH | Iva | Le | Jekk għażilt "Le" ġġustifika għaliex |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | | X | Il-miżura hija eliġibbli għall-qasam ta' intervent 045bis fl-Anness tar-Regolament RRF b'koeffiċjent tat-tibdil fil-klima ta' 100 % peress li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-appoġġ għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ jiddependu fuq il-ksib tar-rata ta' konverżjoni ta' 50%. L-objettiv tal-miżura u n-natura tal-qasam tal-intervent jappoġġaw direttament l-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | X | | |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Ma ġewx identifikati riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u mal-istress tal-ilma. F'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, l-istadju tal-iskrinjar tal-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ambjent (VIA) ikkonkluda li ma hu mistenni l-ebda effett sinifikanti. Il-post fejn jinħażen l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni sakemm jiġi pproċessat, irid ikun mgħotti u l-infiltrazzjoni tal-ilma fil-post tiġi ġestita tali sabiex jiġi evitat li sustanzi niġġiesa mill-iskart ittrattat jiskulaw fl-akwifer lokali f'każ li tagħmel ix-xita. |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | | X | Il-miżura hija eliġibbli għall-qasam ta' intervent 045bis fl-Anness tar-Regolament RRF b'koeffiċjent ambjentali ta' 100 % peress li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-appoġġ għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ jiddependu fuq il-ksib tar-rata ta' konverżjoni ta' 50%. L-objettiv tal-miżura u n-natura tal-qasam tal-intervent jappoġġaw direttament l-objettiv tal-ekonomija ċirkolari. Il-miżura hija konsistenti mal-pjan ta' ġestjoni tal-iskart [nazzjonali/reġjonali/lokali]. |
| Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis fl-arja, fl-ilma jew fl-art | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. F'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, l-istadju tal-iskrinjar tal-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ambjent (VIA) ikkonkluda li ma hu mistenni l-ebda effett sinifikanti, abbażi ta' miżuri li ttieħdu biex jitnaqqsu l-istorbju, it-trab u l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu matul ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-faċilità ta' riċiklaġġ u |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | l-operazzjoni tagħha (is-separazzjoni u t-trattament tal-iskart). Il-faċilitajiet appoġġati mill-miżura japplikaw l-aqwa tekniki disponibbli deskritti fid-Dokument ta' Referenza dwar l-Aqwa Tekniki Disponibbli (Reference Document on Best Available Techniques, BREF) għall-industriji tat-trattament tal-iskart. Il-miżuri meħuda biex jitnaqqsu l-istorbju, it-trab u l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa matul ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni huma deskritti fil-paġna X tal-RRP. |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. L-operazzjoni ma tinsabx f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom (inkluż in-network Natura 2000 ta' żoni protetti, siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u Żoni Ewlenin tal-Bijodiversità, kif ukoll żoni protetti oħrajn). F'konformità mad-Direttivi 2011/92/UE u 92/43/KEE, fl-istadju tal-iskrinjar tal-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ambjent (VIA) ġie konkluż li ma hu mistenni l-ebda effett sinifikanti. |

*It-tieni Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *L-addattament għat-tibdil fil-klima:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda fl-impatt negattiv tal-klima attwali u l-klima mistennija fil-futur, fuq il-miżura nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi? | X | Peress li l-miżura tirrigwarda żewġ faċilitajiet li qed jinbnew qrib żoni suxxettibbli għall-għargħar u t-tul tal-ħajja mistenni tal-faċilitajiet jaqbeż l-għaxar snin, twettqet valutazzjoni robusta tar-riskju u tal-vulnerabbiltà tal-klima, bl-użu ta' projezzjonijiet klimatiċi b'riżoluzzjoni għolja u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku f'firxa ta' xenarji futuri konsistenti mal-ħajja mistennija tal-faċilitajiet. Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ġew inkorporati fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP).<br><br>Barra minn hekk, il-miżura tispeċifika l-obbligu li l-operaturi ekonomiċi jiżviluppaw pjan biex jimplimentaw soluzzjonijiet ta' adattament biex jitnaqqsu r-riskji materjali fiżiċi klimatiċi għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ (ara l-paġna X tal-RRP). L-obbligu jinkludi li s-soluzzjonijiet ta' adattament ma jkunux jaffettwaw b'mod negattiv l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji klimatiċi fiżiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra u jkunu konsistenti mal-isforzi ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali. |

**Eżempju 3: Inċineratur tal-iskart (eżempju ta' nuqqas ta' konformità mad-DNSH)**

*Deskrizzjoni tal-miżura*

Din il-miżura hija investiment b'appoġġ għall-kostruzzjoni ta' inċineraturi tal-iskart ġodda sabiex tiżdied il-kapaċità eżistenti fil-pajjiż. L-għan tal-miżura huwa li jitnaqqas ir-rimi ta' skart solidu muniċipali mhux perikoluż fil-miżbliet u li tiġi ġġenerata l-enerġija permezz tal-inċinerazzjoni tal-iskart (mill-iskart għall-enerġija).

*L-Ewwel Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Indika liema mill-objettivi ambjentali hawn taħt jirrikjedu valutazzjoni sostantiva tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju DNSH | Iva | Le | Jekk għażilt "Le" ġġustifika għaliex |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | X | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Adattament għat-tibdil fil-klima | X | | |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | | X | F'dan il-każ partikolari, huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Hemm evidenza li l-miżura mhux se tipproduċi riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-ippreservar tal-kwalità tal-ilma u l-istress tal-ilma f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE). F'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, fl-istadju tal-iskrinjar tal-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq l-Ambjent (VIA) ġie konkluż li ma hu mistenni l-ebda effett sinifikanti. |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | X | | |
| Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis fl-arja, fl-ilma jew fl-art | X | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | X | | |

*It-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima:* Il-miżura mistennija twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra? | X | Il-faċilitajiet appoġġati mill-miżura jimmiraw li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' oriġini fossili. Dan hu żgurat bl-inċinerazzjoni ta' materjal tal-bijomassa biss (u mhux fossili). Dan hu sostanzjat (ara l-paġna X fl-RRP) u inkorporat fil-miri rilevanti assoċjati mal-Komponent Y.<br><br>Jeżisti pjan ta' monitoraġġ għat-tnixxija tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'kull faċilità, b'mod partikolari minn skart maħżun li jkun se jiġi proċessat, kif rifless fit-tfassil tal-miżura fil-paġna X tal-RRP. |
| *Adattament għat-tibdil fil-klima:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda fl-impatt negattiv tal-klima attwali u l-klima mistennija fil-futur, fuq il-miżura nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi? | X | Peress li t-tliet inċineraturi tal-iskart li se jiġu sostnuti bil-miżura jinsabu f'żoni suxxettibbli għall-uqigħ tal-art u billi l-ħajja tal-faċilitajiet mistennija tkun bejn 25 u 30 sena, saret valutazzjoni robusta tar-riskji klimatiċi u tal-vulnerabbiltà permezz ta' projezzjonijiet klimatiċi b'riżoluzzjoni għolja u tal-ogħla livell skont diversi xenarji futuri konsistenti mal-ħajja mistennija tal-faċilitajiet. Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ġew inkorporati fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP). Barra minn hekk, il-miżura tispeċifika l-obbligu li l-operaturi ekonomiċi jridu jiżviluppaw pjan biex jimplimentaw soluzzjonijiet tal-adattament għat-tnaqqis tar-riskji materjali fiżiċi klimatiċi għall-inċineraturi tal-iskart (ara l-paġna X fl-RRP). L-obbligu jinkludi wkoll li s-soluzzjonijiet tal-adattament ma jaffettwawx b'mod negattiv l-isforzi tal-adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji klimatiċi fiżiċi ta' persuni oħra, tan-natura, ta' assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra u jkunu konsistenti mal-isforzi tal-adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali. |

| | | |
|---|---|---|
| *It-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, inkluż il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart:* Il-miżura mistennija li:<br>(i) twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart, bl-eċċezzjoni tal-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli; jew<br>(ii) twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu dirett jew indirett ta' kwalunkwe riżorsa naturali fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha li ma jiġux minimizzati b'miżuri adegwati; jew<br>(iii) tikkawża ħsara sinifikanti u fit-tul lill-ambjent fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari? | *Eżempju ta' nuqqas ta' konformità mad-DNSH* | Filwaqt li din il-miżura għandha l-għan li tiddevja, fost l-oħrajn, l-iskart mhux riċiklabbli kombustibbli mil-landfills, il-Kummissjoni x'aktarx li tqis li din il-miżura tiżviluppa jew "twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart, bl-eċċezzjoni tal-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli" minħabba r-raġunijiet li ġejjin.<br>Il-kostruzzjoni ta' inċineraturi tal-iskart ġodda biex tiżdied il-kapaċità eżistenti ta' inċinerazzjoni fil-pajjiż twassal għal żieda sinifikanti fl-inċinerazzjoni ta' skart li ma jaqax fil-kategorija ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli. Għaldaqstant, tikser b'mod dirett l-Artikolu 17(1)(d)(ii) ("Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali") tar-Regolament dwar it-Tassonomija.<br><br>Il-miżura tfixkel l-iżvilupp u l-użu ta' alternattivi disponibbli b'impatt baxx b'livelli ogħla ta' prestazzjoni ambjentali (eż. użu mill-ġdid, riċiklaġġ), u tista' twassal għal intrappolament ta' assi b'impatt qawwi meta wieħed iqis il-ħajja u l-kapaċità tagħhom. Ammonti sinifikanti ta' skart mhux perikoluż (riċiklabbli u mhux riċiklabbli, mingħajr distinzjoni) jistgħu jintużaw bħala feedstock u b'hekk ifixklu, fir-rigward tal-iskart riċiklabbli, it-trattament bi klassifikazzjoni ogħla fil-ġerarkija tal-iskart, inkluż ir-riċiklaġġ. Dan jispiċċa jimmina l-kisba tal-miri ta' riċiklaġġ fil-livell nazzjonali/reġjonali u l-Pjan ta' Ġestjoni tal-Iskart nazzjonali/reġjonali/lokali adottat f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart emendata. |
| *Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, l-ilma jew l-art? | X | Il-miżura tirrikjedi li l-faċilitajiet appoġġati japplikaw l-aqwa tekniki disponibbli stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-BAT għall-Inċinerazzjoni tal-Iskart (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2010). Dan huwa żgurat bit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP).<br><br>Il-faċilitajiet appoġġati bil-miżura kisbu l-permess ambjentali rilevanti, inkluż il-mitigazzjoni u l-monitoraġġ tal-impatti ambjentali, fuq il-bażi ta' miżuri meħuda biex jitnaqqas u jiġi kkontrollat il-livell ta' storbju, trab u emissjonijiet niġġiesa oħra matul ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u manutenzjoni u waqt l-operat (ara l-paġna X fl-RRP). |
| *Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi:* Il-miżura mistennija tkun:<br>(i) ta' detriment sinifikanti għall-kundizzjoni tajba u r-reżiljenza tal-ekosistemi; jew<br>(ii) ta' detriment għall-istat ta' konservazzjoni ta' ħabitats u speċijiet, inklużi dawk ta' interess għall-Unjoni? | X | Saret valutazzjoni jew skrinjar tal-impatt fuq l-ambjent (VIA) f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, u l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent ġew/se jiġu implimentati u riflessi fl-istadji importanti u l-miri tal-miżura X fil-Komponent Y (ara l-paġna X fl-RRP).<br><br>L-inċineraturi mhux se jkunu jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom (inkluż in-network Natura 2000 ta' żoni protetti, siti tal-patrimonju dinji tal-Unesco u żoni ewlenin tal-bijodiversità, kif ukoll żoni protetti oħrajn). |

**Eżempju 4: Infrastruttura tat-trasport (toroq)**

*Deskrizzjoni tal-miżura*

Din il-miżura tkun tikkonsisti f'investimenti f'żewġ sottomiżuri:

— Il-kostruzzjoni ta' awtostrada ġdida, parti min-Network Ewlieni tat-TEN-T, li għandha l-għan li (i) tgħaqqad aħjar reġjun remot ta' Stat Membru mal-bqija tal-pajjiż u (ii) ittejjeb is-sikurezza fit-toroq.

— Il-kostruzzjoni ta' punti għall-iċċarġjar elettriku (punt tal-iċċarġjar għal kull 10 karozzi) u ta' rifurniment tal-idroġenu (punt wieħed ta' rifurniment kull X km) tul l-awtostrada l-ġdida.

*L-Ewwel Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Indika liema objettivi ambjentali ta' hawn taħt jeħtieġu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura | | Iva | Le | Ġustifikazzjoni jekk intgħażlet "Le" |
|---|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | Kostruzzjoni tal-awtostrada l-ġdida | X | | |
| | Kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-rifurniment | | X | Is-sottomiżura hija eliġibbli għall-qasam ta' intervent 077 fl-Anness tar-Regolament RRF b'koeffiċjent tat-tibdil fil-klima ta' 100 %.<br>Barra minn hekk, l-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku u tar-rifurniment tal-idroġenu (ibbażata fuq l-idroġenu nadif prodott bl-elettrolizzaturi) tippromwovi l-elettrifikazzjoni u tista' titqies bħala investiment neċessarju biex tkun possibbli t-tranżizzjoni għal ekonomija effettiva newtrali għall-klima. Il-ġustifikazzjoni u l-evidenza taż-żieda tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-livell nazzjonali huma pprovduti fil-komponent X, il-paġni Y-Z tal-RRP. |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | | X | | |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | | X | | |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | | X | | |
| Prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis tal-arja, tal-ilma jew tal-art | | X | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi | | X | | |

*It-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima:*<br>Il-miżura mistennija twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra? | X | *(Fir-rigward tas-sottomiżura dwar il-kostruzzjoni ta' awtostrada ġdida biss:)* |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-miżura mhijiex mistennija li twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra, peress li l-awtostrada l-ġdida tifforma parti mill-pjan komprensiv tat-trasport ([1]) immirat lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport f'konformità mal-miri tal-klima tal-2030 u l-2050. B'mod partikolari, dan huwa dovut għall-miżuri ta' akkumpanjament li ġejjin:<br>— l-akkoppjament tal-investiment fit-toroq mal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku u tar-riforniment tal-idroġenu;<br>— ir-riforma X (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li tintroduċi l-pedaġġ għal din it-triq u oħrajn;<br>— ir-riforma Y (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li żżid it-tassazzjoni għall-fjuwils konvenzjonali;<br>— ir-riforma Z (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li tipprovdi inċentivi għax-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero;<br>— u l-miżuri XX u XY (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li jsostnu l-bidla modali lejn il-ferroviji u/jew il-passaġġi fuq l-ilma interni. |
| *Adattament għat-tibdil fil-klima:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda fl-impatt negattiv tal-klima attwali u l-klima mistennija fil-futur, fuq il-miżura nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi? | X | Peress li l-miżura hija relatata mal-kostruzzjoni ta' triq u l-infrastruttura relatata tal-iċċarġjar u tar-riforniment f'żona li hija suxxettibbli għall-istress mis-sħana u l-varjabbiltà tat-temperatura u l-ħajja mistennija tal-assi teċċedi l-10 snin, saret valutazzjoni tar-riskji klimatiċi u tal-vulnerabbiltà permezz ta' projezzjonijiet klimatiċi skont diversi xenarji futuri konsistenti mal-ħajja mistennija tal-faċilitajiet. B'mod partikolari, twettqet analiżi tar-riskju ta' għargħar u ġew identifikati żewġ segmenti fejn jeħtieġ li jiġu implimentati soluzzjonijiet speċifiċi tal-adattament. Ingħatat attenzjoni speċjali għal elementi sensittivi bħall-pontijiet u l-mini. Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ġew inkorporati fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP).<br>Barra minn hekk, il-miżura tispeċifika l-obbligu li l-operaturi ekonomiċi jridu jiżviluppaw pjan biex jimplimentaw soluzzjonijiet tal-adattament għat-tnaqqis tar-riskji materjali fiżiċi klimatiċi għat-triq u l-infrastruttura relatata tal-iċċarġjar u tar-riforniment (ara l-paġna X fl-RRP). L-obbligu jinkludi li s-soluzzjonijiet tal-adattament ma jaffettwawx b'mod negattiv l-isforzi tal-adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji klimatiċi fiżiċi ta' persuni oħra, tan-natura, ta' assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra u jkunu konsistenti mal-isforzi tal-adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali. |
| *L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar:* Il-miżura mistennija li tkun ta' detriment:<br>(i) għall-istat tajjeb jew għall-potenzjal ekoloġiku tajjeb ta' korpi tal-ilma, inklużi ilma tal-wiċċ u ilma ta' taħt l-art; jew<br>(ii) għall-istat ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar? | X | F'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE saret valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent (VIA) għall-kostruzzjoni tat-triq u l-installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment. Se jiġu implimentati l-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, li kien rifless fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP). Il-VIA inkludiet valutazzjoni tal-impatt fuq l-ilma f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE u r-riskji identifikati kienu indirizzati fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP).<br>Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali b'rabta mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-evitar ta' stress idriku huma identifikati u indirizzati f'konformità mar-rekwiżiti skont id-Direttiva 2000/60/KE (Direttiva Qafas dwar l-Ilma) u bi pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara żviluppat għall-korp jew il-korpi tal-ilma potenzjalment affettwati f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti (ara l-paġna X fl-RRP). |

| | | |
|---|---|---|
| *It-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, inkluż il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart:* Il-miżura mistennija li:<br>(i) twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart, bl-eċċezzjoni tal-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli; jew<br>(ii) twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu dirett jew indirett ta' kwalunkwe riżorsa naturali fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha li ma jkunux minimizzati b'miżuri adegwati; jew<br>(iii) tikkawża ħsara sinifikanti u fit-tul lill-ambjent fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari? | X | Il-miżura tirrikjedi li l-operaturi li jwettqu l-kostruzzjoni tat-triq jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni mill-kostruzzjoni tat-triq u l-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment relatata (eskluż materjal li jokkorri b'mod naturali definit fil-kategorija 170504 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni jitħejja għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u rkupru ieħor ta' materjal, inklużi operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid bl-użu ta' skart biex jissostitwixxi materjali oħra, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u mal-Protokoll tal-UE għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.<br>L-operaturi jillimitaw il-ġenerazzjoni tal-iskart waqt il-kostruzzjoni, f'konformità mal-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni u b'kont meħud tal-aqwa tekniki disponibbli, b'faċilitazzjoni tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja bit-tneħħija selettiva ta' materjali, bl-użu ta' sistemi ta' separazzjoni disponibbli għall-iskart tal-kostruzzjoni. |
| *Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, l-ilma jew l-art? | X | Il-miżura mhux mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa fl-arja, billi tifforma parti mill-pjan komprensiv tat-trasport u hija konformi mal-Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja. B'mod partikolari, dan huwa dovut għall-miżuri ta' akkumpanjament li ġejjin:<br>— l-akkoppjament tal-investiment fit-toroq mal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku u tar-riforniment tal-idroġenu;<br>— ir-riforma X (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li tintroduċi l-pedaġġ għal din it-triq u oħrajn;<br>— ir-riforma Y (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li żżid it-tassazzjoni għall-fjuwils konvenzjonali;<br>— ir-riforma Z (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li tipprovdi inċentivi għax-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero;<br>— u l-miżuri XX u XY (paġni Y-Z) ta' dan il-komponent, li jsostnu l-bidla modali lejn il-ferroviji u/jew il-passaġġi fuq l-ilma interni.<br>Barra minn hekk, l-istorbju u l-vibrazzjonijiet mill-użu tat-triq u l-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-rifornimenti relatata huma mitigati bl-installazzjoni ta' ħitan ta' lqugħ li jikkonformaw mad-Direttiva 2002/49/KE. |
| *Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi:* Il-miżura mistennija tkun:<br>(i) ta' detriment sinifikanti għall-kundizzjoni tajba u r-reżiljenza tal-ekosistemi; jew<br>(ii) ta' detriment għall-istat ta' konservazzjoni ta' ħabitats u speċijiet, inklużi dawk ta' interess għall-Unjoni? | X | F'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE u mad-Direttiva 92/43/KEE saret valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent għall-kostruzzjoni tat-triq u l-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment. Il-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa għat-tnaqqis tal-frammentazzjoni u d-degradazzjoni tal-art, b'mod partikolari l-kurituri ħodor u miżuri oħra għall-konnettività tal-ħabitats, kif ukoll l-ispeċijiet tal-annimali protetti rilevanti elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE, ġew ibbażati fuq objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti u ġew implimentati, kif rifless fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP). |

(1) Jew, f'każ li ma jeżistix pjan komprensiv ta' trasport sostenibbli, analiżi speċifika tal-ispejjeż u l-benefiċċji mwettqa fil-livell tal-proġett turi li l-proġett innifsu jwassal għal tnaqqis/ma jwassalx għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fiċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.

**Eżempju 5: Skema tal-iskrappjar tal-karozzi (eżempju ta' nuqqas ta' konformità mad-DNSH)**

*Deskrizzjoni tal-miżura*

Din il-miżura hija skema tal-iskrappjar għas-sostituzzjoni ta' karozzi b'magna ta' kombustjoni interna li qed jintużaw bħalissa, b'karozzi aktar effiċjenti li wkoll jaħdmu bil-kombustjoni interna (jiġifieri kombustjoni diżil jew petrol). L-inċentiv jieħu l-forma ta' għotja unitarja għal kull karozza skrappjata u akkwistata imma jista' jkollu wkoll forma aktar sofistikata (tnaqqis tat-taxxa).

Il-miżura tfittex li tissostitwixxi vetturi eqdem u li jniġġsu aktar b'ekwivalenti aktar reċenti u għalhekk li jniġġsu inqas. Għall-fini ta' dan l-eżempju hu preżunt li din l-iskema teħtieġ biss il-bidla għal ġenerazzjoni ġdida ta' prodott (eż. livell suċċessiv tal-istandards Euro) bl-istess teknoloġija.

*Parti 1 tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Indika liema objettivi ambjentali ta' hawn taħt jeħtieġu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura | Iva | Le | Jekk għażilt "Le" ġġustifika għaliex |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | X | | |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | X | | |
| Prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis tal-arja, tal-ilma jew tal-art | X | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. |

*It-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima:* Il-miżura mistennija twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra? | *Eżempju ta' nuqqas ta' konformità mad-DNSH* | Il-karozzi bil-kombustjoni jipproduċu $CO_2$ (u emissjonijiet ta' partikolati, NO, komposti organiċi volatili u sustanzi perikolużi oħra li jniġġsu l-arja, inkluż il-benżen). Fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-akkwist ta' karozzi ġodda (biex jibdlu oħrajn qodma) inaqqas l-emissjonijiet iżda xorta jwassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra (l-emissjonijiet medji ta' $CO_2$, imkejla fit-testijiet tal-laboratorju, ta' vetturi tal-passiġġieri ġodda rreġistrati fl-UE u fl-Iżlanda fl-2018 kienu 120,8 gramma ta' $CO_2$ għal kull kilometru).<br>Il-Kummissjoni x'aktarx tirrifjuta l-argument li l-karozzi diżil jew petrol tal-ġenerazzjoni l-ġdida jirrappreżentaw l-aqwa alternattiva disponibbli fis-settur u li għalhekk l-investiment ma jiksirx il-prinċipju tad-DNSH. Il-vetturi elettriċi jirrappreżentaw alternattiva disponibbli aħjar bi |

| | | |
|---|---|---|
| | | prestazzjoni ambjentali ogħla (jiġifieri livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja) fis-settur f'termini ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.<br>Għaldaqstant, il-Kummissjoni x'aktarx tikkunsidra li l-iskema tal-iskrappjar tkun twassal għal ħsara sinifikanti għall-mitigazzjoni tal-klima. |
| *L-ekonomija ċirkolari u l-immaniġġar tal-iskart:* Il-miżura mistennija li:<br>(i) twassal għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni, fl-inċinerazzjoni jew fir-rimi tal-iskart, bl-eċċezzjoni tal-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli; jew<br>(ii) twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu dirett jew indirett ta' kwalunkwe riżorsa naturali fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha li ma jkunux minimizzati b'miżuri adegwati; jew<br>(iii) tikkawża ħsara sinifikanti u fit-tul lill-ambjent fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari? | X | Jeżistu miżuri għall-immaniġġar tal-iskart kemm fil-fażi tal-użu (manutenzjoni) kif ukoll fit-tmiem tal-ħajja tal-flotta, inkluż permezz ta' użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' batteriji u tal-apparati elettroniċi (b'mod partikolari l-materja prima kritika fihom), f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. L-impatt tal-produzzjoni huwa kkunsidrat, u l-iskema mhux se tinkoraġġixxi l-iskrappjar qabel iż-żmien tal-vetturi li għad jistgħu jintużaw. B'mod partikolari, l-iskema tirrikjedi li kwalunkwe karozza skrappjata tkun ipproċessata minn faċilità ta' trattament awtorizzata skont id-Direttiva dwar il-vetturi li m'għadhomx jintużaw (2000/53/KE) kif ipprovat b'ċertifikat meħtieġ għall-parteċipazzjoni fl-iskema.<br>Barra minn hekk, il-miżura hija akkumpanjata minn attività li tippromwovi t-teħid tal-parts mill-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għall-użu u għall-manifattura mill-ġdid tagħhom. |
| *Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu ([1]) l-arja, l-ilma jew l-art? | *Eżempju ta' nuqqas ta' konformità mad-DNSH* | *Il-karozzi b'magna tal-kombustjoni jemettu fost l-oħrajn il-monossidu tal-karbonju (CO), il-materja partikolata (PM), l-ossidi tan-nitroġenu (NOx) u idrokarburi mhux maħruqa (HC). Fid-dawl tal-prattiki normali u r-rekwiżiti regolatorji fl-industrija ([2]), il-Kummissjoni mhux mistennija tqis li l-miżura ma twassalx għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja minħabba kunsiderazzjonijiet simili bħal dawk stabbiliti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.* |

**Eżempju 6: Irrigazzjoni tal-art**

*Deskrizzjoni tal-miżura*

Il-miżura tipprevedi primarjament investimenti f'sistema tal-irrigazzjoni eżistenti u użata fir-reġjun X biex jintużaw metodi ta' irrigazzjoni aktar effiċjenti u jiġi promoss l-użu mill-ġdid sikur tal-ilma reklamat. L-għan huwa li tikkumpensa l-iskarsezza tal-ilma tal-ħamrija kkawżata min-nixfiet u għalhekk li ssir kontribuzzjoni għall-adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fir-rigward tal-għelejjel agrikoli. Il-miżura hi akkumpanjata mill-promozzjoni u l-għajnuna għal prattiki agrikoli sostenibbli, b'mod partikolari sistemi ta' irrigazzjoni aktar sostenibbli u effiċjenti u miżuri naturali għar-retenzjoni tal-ilma, bil-bidla lejn għelejjel u prattiki ta' ġestjoni aktar ekonomiċi fir-rigward tal-ilma, kif ukoll prattiki ta' fertilizzazzjoni aktar sostenibbli.

([1]) Sustanza li tniġġes tfisser sustanza, vibrazzjoni, sħana, storbju, dawl jew kontaminant ieħor preżenti fl-arja, fl-ilma jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

([2]) Il-kompożizzjoni tvarja minn magni petrol għal magni diżil. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 dwar in-normi Euro 5 u 6 jistabbilixxi l-limiti ta' emissjoni għall-karozzi għall-inkwinanti li huma rregolati, b'mod partikolari l-limitu ta' 80 mg/km għall-ossidi tan-nitroġenu (NOx, jiġifieri l-emissjonijiet ikkombinati ta' NO u ta' $NO_2$).

*Parti 1 tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Indika liema objettivi ambjentali ta' hawn taht jehtieġu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura | Iva | Le | Jekk għażilt "Le" ġġustifika għaliex |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Dan hu żgurat għax is-sistema/it-tagħmir il-ġdid se jkun effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'hekk l-emissjonijiet assoluti mhux se jiżdiedu minkejja żieda modesta fiż-żona irrigata, u/jew għax l-elettriku għall-operat tat-tagħmir se jkun derivat mir-riħ jew mix-xemx.<br>L-irrigazzjoni tista' tiffaċilita b'mod indirett il-kontinwazzjoni tal-prattiki agrikoli li jikkompromettu l-funzjoni tal-bir ta' karbonju tal-ħamrija agrikola jew saħansitra tittrasformahom f'emittenti netti. Il-promozzjoni u s-sostenn sinifikanti għal prattiki agrikoli sostenibbli bħala parti mill-miżura ma jissuġġerixxu l-ebda deterjorament ġdid f'dan ir-rigward u jridu jwasslu għal titjib. |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | X | | |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | X | | |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | | X | Huwa previst li l-attività li hija appoġġata mill-miżura ma jkollhiex impatt sinifikanti fuq dan l-objettiv ambjentali, meta jitqiesu l-effetti diretti u dawk indiretti primarji tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Il-miżura mhux se twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu tar-riżorsi u lanqas għal żieda fil-ġenerazzjoni tal-iskart. |
| Prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis tal-arja, tal-ilma jew tal-art | X | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi | X | | |

*It-Tieni Parti tal-lista ta' kontroll tad-DNSH*

| Mistoqsijiet | Le | Ġustifikazzjoni sostantiva |
|---|---|---|
| *Adattament għat-tibdil fil-klima:*<br>Il-miżura mistennija twassal għal żieda fl-impatt negattiv tal-klima attwali u l-klima mistennija fil-futur, fuq il-miżura nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi? | X | Il-miżura mhux mistennija tkun ta' detriment għall-adattament għat-tibdil fil-klima minħabba r-raġunijiet li ġejjin:<br>— Il-parti ewlenija tal-miżura tikkontribwixxi b'mod limitat għat-titjib tar-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil tal-klima fit-terminu qasir, peress li ssaħħaħ l-irrigazzjoni mingħajr żieda fl-astrazzjoni tal-ilma. Din il-kontribuzzjoni pożittiva hija possibbli biss sa fejn l-istat attwali u previst tal-korpi tal-ilma affettwati jkun fi stat tajjeb (jew b'mod raġonevoli mhuwiex mistenni li jiddeterjora għal stat li hu inqas minn tajjeb skont projezzjonijiet affidabbli). Jekk dan ma jkunx il-każ, ir-rata tal-astrazzjoni b'hekk tkun insostenibbli, u l-investiment ma jikkwalifikax bħala miżura |

| | | |
|---|---|---|
| | | ta' adattament għat-tibdil fil-klima (u tkun każ limitu ta' miżura ta' adattament ħażina) anki jekk is-sitwazzjoni sottostanti ma tmurx għall-agħar, billi ttawwal it-tul tal-ħajja ta' struttura li hi fundamentalment insostenibbli. Il-miżura hija fil-prinċipju eliġibbli għall-qasam ta' intervent 040 fl-Anness tar-Regolament RRF b'koeffiċjent tat-tibdil fil-klima ta' 40 % peress li l-miżura hija miżura tal-ġestjoni tal-ilma li timmira li tiġġestixxi l-iskarsezza tal-ilma li hija aggravata b'riskji relatati mal-klima, jiġifieri n-nixfiet.<br>— Min-naħa l-oħra, il-promozzjoni ta' prattiki agrikoli sostenibbli u miżuri naturali għaż-żamma tal-ilma toqgħod fil-qasam ta' intervent 037, b'sostenn dirett għall-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Sabiex il-miżura sħiħa tikkwalifika taħt 037, tal-aħħar irid ikun predominanti, jew għall-inqas suffiċjentement konvinċenti fid-daqs, l-iskala u d-dettall. |
| L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar: Il-miżura mistennija li tkun ta' detriment:<br>(i) għall-istat tajjeb jew għall-potenzjal ekoloġiku tajjeb ta' korpi tal-ilma, inklużi ilma tal-wiċċ u ilma ta' taħt l-art; jew<br>(ii) għall-istat ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar? | X | Il-miżura mhijiex mistennija li tkun ta' detriment għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi tal-baħar. Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, b'mod partikolari permezz:<br>— ta' għajnuna għall-bdiewa biex jaqilbu għal għelejjel u prattiki ta' ġestjoni aktar ekonomiċi fir-rigward tal-ilma; ta' għajnuna għall-bdiewa biex jimplimentaw miżuri li jżidu l-kapaċità taż-żamma tal-ilma tal-ħamrija u l-ħżin tal-ilma fil-livell tal-farm;<br>— tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni li tippermetti l-użu mill-ġdid tal-ilma skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u ma twassalx għal żieda fl-astrazzjoni tal-ilma. Il-miżura se tinkludi investimenti f'infrastrutturi biex ikun possibbli l-użu mill-ġdid sikur tal-ilma reklamat għal skopijiet agrikoli. Permezz ta' dan l-investiment ikun possibbli li l-ilma urban mormi trattat jintuża għall-irrigazzjoni ta' għelieqi tal-għelejjel fil-qrib u ssir tħejjija għall-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (UE/2020/741);<br>— Investimenti f'sistemi ta' irrigazzjoni aktar sostenibbli u effiċjenti li jeħtieġu inqas ilma, bħall-irrigazzjoni lokalizzata. Fl-istess ħin dan se jwassal għal inqas tnixxija ta' nutrijenti lejn l-ilmijiet ta' taħt l-art kif ukoll fil-korpi tal-ilma interni fil-qrib;<br>— jekk l-attività tinvolvi l-astrazzjoni tal-ilma, ingħata permess għall-astrazzjoni tal-ilma mill-awtorità rilevanti, li jispeċifika l-kundizzjonijiet biex jiġi evitat id-deterjorament u jiġi żgurat li l-korpi tal-ilma affettwati jiksbu stat tajjeb kwantitattiv (fil-każ tal-ilma ta' taħt l-art) jew stat jew potenzjal ekoloġiku tajjeb (fil-każ tal-ilma tal-wiċċ) sa mhux aktar tard mill-2027, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE;<br>— saret valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent skont id-Direttiva VIA u kienu identifikati l-passi ta' mitigazzjoni kollha meħtieġa u dawn ġew riflessi fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP). |
| *Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis:* Il-miżura mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, l-ilma jew l-art? | X | Il-miżura mhux mistennija twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, l-ilma jew l-art għax:<br>— jintuża tagħmir li jikkonsma l-enerġija b'mod effiċjenti immens, jew jaħdem b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli;<br>— bl-installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni aktar effiċjenti (spjegati hawn fuq), l-iskular tan-nutrijenti mill-agrikoltura se jitnaqqas.<br>— bl-għajnuna mogħtija lill-bdiewa biex jaqilbu għal għelejjel u prattiki ta' ġestjoni aktar ekonomiċi fir-rigward tal-ilma u ż-żieda fid-disponibbiltà tal-ilma fil-livell tal-farm, jintuża inqas ilma għall-irrigazzjoni; |

| | | |
|---|---|---|
| | | — għax se jiġu appoġġati prattiki agrikoli sostenibbli li għalhekk jeħtieġu inqas pestiċidi, li jwassal għal inqas tniġġis tal-ilma u tal-art. |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi: Il-miżura mistennija tkun:<br>(i) ta' detriment sinifikanti għall-kundizzjoni tajba u r-reżiljenza tal-ekosistemi; jew<br>(ii) ta' detriment għall-istat ta' konservazzjoni ta' ħabitats u speċijiet, inklużi dawk ta' interess għall-Unjoni? | X | Il-miżura mhux se jkollha effetti detrimentali fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi minħabba li:<br>— il-proġetti tal-irrigazzjoni koperti b'din il-miżura ma jinsabux f'siti protetti, jew inkella mhux se jkollhom effetti negattivi fuq siti bħal dawn fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni tagħhom. Kwalunkwe tfixkil għall-ispeċijiet jew impatt negattiv fuq il-ħabitats barra dawn is-siti, kemm waqt il-fażi tal-kostruzzjoni kif ukoll tal-operat, huma evitati permezz tal-prevenzjoni u tal-mitigazzjoni xierqa, kif riflessi fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP);<br>— saret valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent skont id-Direttiva VIA u kienu identifikati l-passi ta' mitigazzjoni kollha meħtieġa u dawn ġew riflessi fit-tfassil tal-miżura (ara l-paġna X fl-RRP);<br>— tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u dwar l-Għasafar; ġiet soġġetta għal valutazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (f'dan il-każ partikolari integrata fil-proċedura tal-valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent) li eskludiet effetti sinifikanti fuq is-siti tan-Natura 2000;<br>— billi ssostni prattiki agrikoli sostenibbli, tnaqqas il-bżonn ta' pestiċidi u b'hekk l-impatt negattiv fuq il-bijodiversità (insetti, għasafar, ħajja fil-ħamrija) u possibbilment twassal għal diversità akbar ta' għelejjel, bir-riżultat li tiġi promossa wkoll il-bijodiversità. |